NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

MEJJU-AWWISSU 2021

NRU 203



## O ANĠLU DIFENSUR TAL-GŻIRA

L-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ merfugħa fuq l-idejn fuq il-Presbiterju bit-Tribuna tal-Bażilika fl-isfond, waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ġorġjana tal-Festa, il-Ħadd 18 ta' Lulju 2021.

ritratt: Anthony Grech

EDITORJAL

# FORSI L-ISTATWA XXERRED IL-MARD?

Din kienet il-mistoqsija li għamlu ħafna minna… Għaliex l-istatwa titulari ta' San Ġorġ ma setgħetx tinħareġ u titqiegħed fil-bieb il-kbir tal-Bażilika tiegħu?

Fil-ġimgħat u jiem ta' qabel il-Festa, l-Uffiċċju Parrokkjali kien għaddej bi preparamenti skont id-direttivi tas-saħħa li kienu qed joħorġu kull tant żmien biex nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju naraw lil San Ġorġ fil-bieb il-kbir, milqugħ mill-Banda Ċittadina La Stella u minna l-Ġorġjani. Kollox skont ir-regoli, kollox kif suppost, kollox bid-distanza soċjali u kulħadd bil-maskra. Għax hekk kien jixraq, u hekk kienu jitolbu l-okkażjoni u ċ-ċirkustanzi li qed ngħixu fihom.

Imma mbagħad jgħidulna li l-permessi ma setgħux jinħarġu għax kienet ħa tinħareġ statwa fil-bieb. L-istatwa li f'dawn l-aħħar 180 sena u fuqhom tant offriet faraġ u wens, ma nħarġitx minħabba li bżajna li hekk se jinġemgħu in-nies bla ordni fi Pjazza San Ġorġ. U fejn qiegħda l-ordni fl-istess pjazza… li kważi dejjem mimlija bin-nies fuq l-imwejjed tant li mank naqra ta' passaġġ mnejn tgħaddi ma fadal! L-istatwa raw żejda? Saru ħafna attivitajiet simili f'din il-pandemija, f'postijiet fil-miftuħ, u attivitajiet ikkontrollati u skont id-direttivi tas-saħħa. L-unika differenza li l-Knisja xtaqet li tinħareġ l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb, waħidha, prominenti u ċentrali, għax hi timla pjazza, issebbaħ il-Belt Victoria u tagħni l-gżira Għawdxija. Ħadd ma xtaq li dan il-programm oriġinali jitħassar, imma b'sens ta' rġulija, u b'diqa u dispjaċir, kellu jitwaqqa'.

Ma rajniehx fil-pjazza lil San Ġorġ, imma stajna ngawduh fuq il-presbiterju tal-Bażilika tagħna, bħal dejjem rebbieħ. Xena tassew rari, aktar u aktar nhar il-Festa. Akkumpanjati mill-Banda Ċittadina La Stella bid-daqq tal-Innu l-Kbir, stajna ngħixu l-mumenti qawwija tal-purċissjoni minn postna bilqiegħda. Kantajna għalenija l-innijiet mal-banda, tħeġġiġna mill-kliem tal-predikaturi, u tlabna li dan l-għawġ jgħaddi wkoll minn fuqna. Kienet okkażjoni oħra fejn niesna rrikorrew għand Ġorġi tagħna u ċċelebrajnieh bħala l-Patrun tad-Djoċesi u l-Protettur tal-Belt Victoria.

L-istatwa ta' San Ġorġ – fil-qalb tal-Festa – xerrdet aktar kuraġġ fina biex negħlbu d-diffikultajiet, xerrdet aktar wens f'qalbna biex ngħixu b'serenità dak kollu li jgħaddi minn għalina, u mlietna b'ħeġġa biex permezz tiegħu nersqu dejjem iżjed lejn Kristu.

*Ir-ritratt tal-faċċata u taċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd 18 ta' Lulju 2021 huma ta' Anthony Grech*



**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq:**

- **www.stgeorge.org.mt**
- **www.facebook.com/stgeorge.org.mt**

DONAZZJONIJIET: Fabian Mangion (l-Isla) – €15

INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM



MESSAĠĠ

# FEJN TRIDU TMORRU?

L-Arċipriet Joseph Curmi

Fl-isqaqien imserrpa ta' madwar San Ġorġ sikwit niltaqa' ma persuni mifxulin li wara li daru u mxew taħt xemx tiżreġ indunaw li qed iduru fi ċrieki u reġgħu sabu ruħhom fl-istess post. Il-wiċċ tagħhom jagħtik sens ta' telfien b'ħarsa vaga. U ġieli xi ħadd jieqaf u jistaqsihom: "Fejn tridu tmorru?". Interessanti li wħud minnhom ma jkollhomx ċara d-destinazzjoni u jibdew jispjegaw xi dettalji, iżda d-destinazzjoni ma tkunx ċara f'moħħhom.

**Fejn irridu mmorru?**

U aħna bħala Knisja u bħala parroċċa fejn irridu mmorru? X'inhi d-destinazzjoni tagħna? Liema hu l-għan ewlieni li lejh irridu nindirizzaw ir-riżorsi kollha tagħna? Dan hu diskors li importanti jkun ċar għalina, għax nispiċċaw naħdmu u ninfnew sempliċiment biex ma naħsbux u ma narawx ir-realtà. Nispiċċaw bla nifs sempliċiment biex nikkonvinċu ruħna li qed nagħtu saħħitna kollha. Imma fejn irridu mmorru? Il-Knisja għandha għan wieħed: *"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien"* (Mt 28:19-20).

**Ir-realtà**

Id-dinja nbidlet. U dan mhux essenzjalment ħażin. Iżda f'dinja mibdula ma nistgħux ngħaddsu rasna fir-ramel u nibqgħu għaddejjin bla ma nistaqsu jekk għadniex fid-direzzjoni lejn id-destinazzjoni t-tajba. Ir-realtà turina li ħafna affarijiet li l-bniedem jagħmel jibdew bħala mezz indirizzat għall-iskop il-veru, iżda maż-żmien dawn il-mezzi jsiru skop fihom infushom u addio d-destinazzjoni. U hemm jibda l-gwaj, għax addio r-realtà imma l-aqwa li jissalva l-mezz li jkun ħa post l-iskop.

Ta' qabilna ħallewlna tant affarijiet sbieħ. Bit-tajjeb u l-ħażin kollu, kellhom il-fidi ġo qalbhom tant li sa seklu ilu l-fidi kienet tiġi mgħallma fid-djar u mbagħad iċċelebrata fil-knisja. Għalhekk bnew knejjes kbar u sbieħ li fihom kienu jiltaqgħu. Illum il-bżonn inbidel. Illum il-maġġoranza ma tiltaqax la l-knisja u lanqas id-dar. U aħna, kull membru tal-Knisja, x'sar minnu l-iskop tagħna: li mmorru fid-dinja nagħmlu dixxipli?

Kif naqrawha r-realtà meta naraw il-knisja tal-ġebel, li tant kienet l-għożża tal-poplu tagħna, bil-mod il-mod tiżvojta? Kif naffaċċjawha r-realtà li l-post taċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħajja m'għadux il-knisja? Kif naqrawha r-realtà li ħafna huma konvinti li l-fidi mhi se tbiddlilhom xejn f'ħajjithom? U anki meta nagħtu ħarsa lejn kif nużaw ir-riżorsi umani u finanzjarji tagħna, nindunaw li qed nonfqu l-eluf għall-għexieren u biss għexieren biex nilħqu l-eluf.

**Inganni**

Quddiem ir-realtà, l-ewwel reazzjoni tkun li ninnegaw jew nitħassru lilna nfusna. Nagħlqu għajnejna u nibqgħu għaddejjin b'dak li konna nagħmlu għax hekk jew hekk id-destin hu li kollox jispiċċa. U hekk naraw jitnaqqru wieħed wieħed il-fidili u posthom ma jimlieh ħadd.

Imbagħad naqgħu f'nostalġija ħażina tal-passat. U hekk naraw x'kienu jagħmlu ta' qabilna u flok naraw x'inhu l-iskop il-veru, il-mezz isir l-iskop. Allura nispiċċaw nirrepetu dak kollu li kienu jagħmlu qabel bl-idea li la kien jaħdem qabel, illum se jaħdem ukoll. U nispiċċaw noqogħdu nikkultivaw u naħdmu fuq affarijiet li bħall-ġugarelli tat-tfal jissodisfaw lil ftit għal ftit żmien.

Reazzjoni oħra tkun li wieħed jerħi u jarmi kollox għax, wara kollox, kollu għalxejn. Dan hu ingann ieħor li jista' jkun reazzjoni quddiem realtà li toffri sfida. Li wieħed jaħseb li l-Knisja se tiġbed in-nies sempliċiment għax tibdel il-libsa u l-prinċipji, hu totalment żbaljat. Din ir-reazzjoni tixbah lil persuna li biex tidher sabiħa tilbes il-ġlekk biex tgħatti l-għaraq. Wara ftit lanqas din ir-reazzjoni ma trieġi.

Dawn iż-żewġ reazzjonijiet żbaljati għandhom kawża komuni: l-iskop mhux ċar.

**Direzzjoni tal-ħidma**

Forsi dan id-diskors jista' jidher negattiv. Iżda m'hemmx diskors iktar pożittiv minnu. Għaliex il-Knisja għandha skop u skop verament kbir. Il-Knisja għandha missjoni vera u n-negattiv ikun jekk nintilfu naħlu l-enerġija tagħna f'kull ħaġa li mhix direttament din il-missjoni. In-negattiv ikun jekk nippruvaw inġebbdu din il-missjoni u nibdluha għal dak li jogħġob lilna.

Min-naħa l-oħra hu verament pożittiv li nanalizzaw u naraw jekk kull ħaġa li nagħmlu hix indirizzata lejn l-uniku skop. Hu pożittiv li kontinwament nistaqsu jekk dak li qed nagħmlu hux indirizzat lejn: *"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha"*. Hu pożittiv li nieqfu u naraw ir-realtà, għax Alla lin-nies tal-lum irid ikellimhom fejn jinsabu u kif jinsabu. Il-Mulej iridna mmorru qabel nippretendu li n-nies jiġu. U dan mhux kmand għall-qassisin iżda għal kull imgħammed.

**Dixxerniment tal-ispirti**

Hu għalhekk importanti li fil-komunità parrokkjali jkun hemm gruppi u spazji li fihom permezz tal-Kelma ta' Alla jsir id-dixxerniment tal-Ispirti. Il-Kelma ta' Alla twassalna biex nagħrfu liema huma għażliet tajba u liema huma dawk li għandhom jitwarrbu għax mhumiex marbuta mal-iskop ewlieni. San Pawl jgħidha b'mod ċar: "Kollox hu sewwa, iżda mhux kollox jaqbel; kollox jiswa, iżda mhux kollox jedifika" (1 Kor 10:23). Il-Kelma ta' Alla turina liema huma l-għażliet li jwasslu għad-destinazzjoni u liema huma biss telf ta' żmien u riżorsi.

KRONAKA



Mejju – Awwissu 2021

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

**1.** L-aħħar fost l-erba' ċelebrazzjonijiet għal din is-Sena Pastorali fil-Proġett parrokkjali *Fejn hu ħuk?* kienet dik dwar il-Ħolqien fit-8 ta' Mejju filgħaxija, il-Ġimgħa tal-Kwaranturi. Steve Zammit Lupi, attivist ambjentali, u Patri Mark Ciantar OFM, mill-Kummissjoni Interdjoċeana tal-Ambjent, qasmu riflessjonijiet dwar l-imħabba lejn il-ħolqien.

**2.** Saċerdoti mill-parroċċa u oħrajn li jaħdmu fil-Belt Victoria ħadu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali tat-13 ta' Mejju li fiha saret l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu waslu biex jirċievu l-Ewkaristija għall-ewwel darba.

**3.** F'dawn ix-xhur l-Isqof Anton Teuma kien qed idur il-Presbiterji Parrokkjali Għawdxin biex ifissrilhom f'iktar dettall il-Pjan Pastorali l-ġdid li sa jitnieda fuq livell djoċesan f'Ottubru. Mal-kleru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ iltaqa' fis-16 ta' Ġunju.

**4.** L-ewwel attività pastorali fil-Programm tal-Festa titulari ta' San Ġorġ kienet l-Assemblea Parrokkjali li nżammet fil-Bażilika nhar it-2 ta' Lulju, fejn Dun Daniel Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan, u l-Isqof Anton Teuma, esponew il-ħsieb u l-qafas tal-Pjan Pastorali lid-diversi operaturi u kollaboraturi pastorali fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.

**5.** Il-jiem tan-Novena ta' San Ġorġ din is-sena kienu marbuta mat-tema tal-Proġett *Fejn hu ħuk?* b'riflessjonijiet fuq l-erba' kwadri ġodda li ġew 'mikxufa' fil-Bażilika, fejn l-Arċipriet ta spjegi interessanti fuq is-simboliżmu li hemm fihom qabel imbagħad twaħħlu fil-pendenti tal-koppletti rispettivi.

**6.** Mument differenti minn tas-soltu fil-jiem tal-Festa din is-sena kien dak tat-Tlieta, il-jum tradizzjonalment marbut mal-ħruġ tal-istatwa min-niċċa li sar b'mod privat minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija; minflok, l-Arċipriet mexxa quddiesa għall-komunità bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, li fi tmiemha sar il-bews tar-Relikwa billi xi saċerdoti niżlu biha fost il-miġemgħa.

**7.** Maria Lipnicka, mill-Belarus, irċiviet is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni minn idejn l-Isqof Anton Teuma waqt il-Pontifikal ta' nhar San Ġorġ. Maria, li hi żagħżugħa li qed tkompli l-istudji universitarji tagħha f'Malta, tistqarr li kienet il-liturġija sabiħa fil-Bażilika tagħna li ġibditha biex tkompli bil-mixja Nisranija tagħha fil-komunità parrokkjali tagħna. *Ritratt: Sam Cefai*



1



2


3


5


4


7


6

ATTWALITÀ



# ERBA' KWADRI ĠODDA JIRRAPPREŻENTAW L-OPRI TAL-ĦNIENA

Qabel il-jiem tal-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju twaħħlu erba' pitturi ġodda fil-Bażilika Ġorġjana biex ifakkru l-mixja li qed tagħmel il-Parroċċa bħala parti mill-Proġett *Fejn hu ħuk?*, fejn, imdawla mill-Opri tal-Ħniena, qed tirrifletti u timpenja ruħha b'inizjattivi konkreti mal-barrani, mal-ħabsin u l-vittmi tagħhom, mal-mejtin u l-familjari tagħhom, kif ukoll fil-konfront tal-ħolqien.

Manuel Farrugia, artist żagħżugħ Għawdxi, ġie kkumissjonat joħloq sett ta' tmien pitturi – erbgħa tlestew issa u erbgħa oħra jitlestew is-sena d-dieħla – għall-pendenti taż-żewġ koppletti tan-nofs fin-navi tal-Bażilika, li jissimbolizzaw l-Opri korporali tal-Ħniena biż-żieda tal-aħħar waħda miżjuda ma' dawk tradizzjonali fl-2016 mill-Papa Franġisku dwar l-ambjent. F'kull pittura, fiċ-ċentru tidher dejjem il-figura protagonista b'dija wara rasha, mhux għax hi qaddisa, iżda għax Ġesù jagħmel lilu nnifsu preżenti fiċ-ċkejknin u l-foqra ta' żmienna. Minn dawn l-erba' pittura tispikka dik tal-barrani, li l-fattizzi tiegħu huma ta' Lassana Cisse, ir-raġel li fis-6 ta' April 2019 inqatel kiesaħ u biered f'pajjiżna għal motivi razzjali, għax hu barrani.

Jidhru mbagħad dejjem żewġ figuri oħra fuq il-lemin u fuq ix-xellug rispettivament: dik tal-komunità Nisranija tal-Knisja, irrappreżentata mis-saċerdot, li timxi mal-batut u tara fih il-preżenza ta' Kristu li qed jitlobha l-għajnuna; u l-figura tas-soċjetà, ħafna drabi aljenata, u li għandha quddiemha l-għażla tagħtix kas jew twarrabx lil min qed jitlobha l-għajnuna.

Maħduma fi stil modern imma li tassew ikkumplimenta l-arti li tinsab fil-Bażilika, dawn l-erba' pitturi ġew inawgurati waqt in-Novena bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ, li nżammet bejn it-3 u l-11 ta' Lulju.



**IL-BARRANI** *"Kont barrani u lqajtuni" (Mt 25:35)*

Fiċ-ċentru tal-pittura hemm il-figura tal-barrani, li għandha bħal dija wara rasha. Dan mhux għax hi figura ta' qaddis, iżda għaliex il-kliem ta' Ġesù hu ċar: "Jien il-barrani, u int x'se tagħmel? Dak kollu li għamilt mal-iżgħar fost dawn ħuti għamiltu miegħi". Allura l-barrani hu Kristu li jridni nilqgħu. Il-barrani se jagħtini l-grazzja niltaqa' ma' Kristu. B'sinjal u stqarrija ċara, il-fattizzi tal-figura tal-barrani f'din il-pittura huma ta' Lassana Cisse, ir-raġel li fis-6 ta' April 2019 inqatel kiesaħ u biered f'pajjiżna għal motivi razzjali, għax hu barrani. Hi stqarrija li l-komunità Kristjana ma tistax ma tiddefendix lill-barrani. Lassana jiġbor taħtu lil dawk kollha madwar d-dinja li għal xi raġuni huma meqjusa barranin, fosthom nies ta' razza jew etnija differenti, nies b'orjentament differenti, nies b'differenza fl-intelliġenza u l-abbiltà, persuni u Nsara ppersegwitati minħabba r-reliġjon.

**Il-figura tal-Knisja**

Fin-naħa tal-lemin tal-pittura hemm il-figura tal-Knisja fil-persuna tas-saċerdot li qiegħed bejn jgħannaq u bejn jerfa' lill-barrani. Dettall importanti hu l-bieb tal-bronż imbexxaq tal-Bażilika ta' San Ġorġ fl-isfond tas-saċerdot. Il-komunità Kristjana trid toħroġ barra mill-kumdità tal-ħitan tal-knisja biex tilqa' l-barrani. Lill-barrani ma tilqgħux billi ġġiegħlu jidħol fejn int komdu int, iżda billi timxi fuq l-eżempju ta' Kristu. Kristu salva lill-bniedem billi ħalla s-Sema u ħa l-ġisem u sar bniedem bħalu. Kristu ħa t-triq id-diffiċli, iżda l-unika waħda li twassal għal bidla vera.

**Il-figura tas-soċjetà**

Is-soċjetà hi rraffigurata fil-figura tal-mara fuq in-naħa tax-xellug. Il-mara qed tħares lejn il-mowbajl u tara l-aħbar tal-barrani. Fil-fatt fuq l-mowbajl hemm ir-ritratt tal-figura ċentrali. Aħna ngħixu f'soċjetà li tara lill-ieħor permezz tal-midja soċjali. Ħafna drabi naraw lil ħaddieħor u lill-barrani kif jiġi rrakkontat lilna u qatt ma nsiru nafuh verament bl-istorja tiegħu, bl-emozzjonijiet u bix-xewqat tiegħu. Is-soċjetà għandha għażla quddiemha: jew 'tiskrollja' 'l fuq u tinjora l-barrani waqt li tara xi ħaġa oħra, jew inkella taġixxi!

## IL-ĦABSI U L-VITTMA

*"Kont il-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mt 25:36)*



Fiċ-ċentru tal-pittura hemm il-figura tal-ħabsi 'l ġewwa mill-grada tal-ħabs. Il-pittur ħareġ b'mod intens il-wiċċ li juri sens ta' qsim il-qalb. Meta wieħed jarah mill-qrib jinnota demgħa kbira nieżla f'nofs wiċċu. Iżda jekk naħsbu ftit fil-fatt ma nafux eżatt għalfejn hu ddispjaċut. Il-Mulej ma jispeċifikax x'tip għandu jkun il-ħabsi li għandna naqdu, jekk hux niedem jew le, jekk hux innoċenti jew ħati. Hu Kristu biss li jagħraf fil-verità l-qalb tal-bniedem. L-idejn marbuta bil-ktajjen jidher ċar li qed jitolbu ħniena. Il-ħabsi minkejja l-kruha taċ-ċella u l-irbit tiegħu għandu d-dija wara rasu għaliex il-Mulej qalilna: "Jien il-ħabsi. U int x'se tagħmel?".

Dettall importanti fil-figura tal-ħabsi hi l-qalb tnixxi d-demm minn taħt il-libsa. Il-ħabsi qatt ma jista' jinfired mill-vittma. Il-ħabsi ħafna drabi hu nnifsu hu vittma. U l-vittma tal-ħażen ta' ħaddieħor ħafna drabi tgħix fil-ħabs tal-esperjenza negattiva li mmarkatha. Dawn il-feriti ħafna drabi huma moħbija. Hu għalhekk li din il-figura ċentrali tissimbolizza kemm il-ħabsi u kemm il-vittma għaliex it-tnejn li huma marbutin għalkemm b'mod differenti. U lil Kristu nsibuh f'kulma nagħmlu magħhom.

**Il-figura tal-Knisja**

Fin-naħa tal-lemin tal-pittura hemm il-figura tal-Knisja rrappreżentata mis-saċerdot. Il-Knisja trid twassal l-imħabba ta' Kristu f'kull post. Ma jeżisti l-ebda post li jista' jkun bogħod mill-ħniena u l-imħabba ta' Alla. U għalhekk il-Knisja għandha tkun anki fil-ħabs. Fil-fatt l-artist ipoġġi lis-saċerdot fiċ-ċella mal-ħabsi u mhux barra mill-grada. Hi l-immaġni ta' Kristu li biex jeħles lill-bniedem sar ħabsi hu. Biex tgħin lill-bniedem il-Knisja trid timxi miegħu u tidħol fil-ħajja tiegħu.

L-id merfugħa tas-saċerdot flimkien mal-istola l-vjola juru l-qawwa tas-Sagrament tal-Maħfra li jeħles il-qalb tal-ikbar midneb. Is-saċerdot qiegħed proprju fil-mument tal-assoluzzjoni fejn minkejja kollox dak li jgħodd mhux x'jaħsbu l-oħrajn, iżda x'jaħseb Alla dwar il-bniedem: "Jien naħfirlek".

**Il-figura tas-soċjetà**

Is-soċjetà tidher bħala raġel li qiegħed 'il barra miċ-ċella b'ċavetta f'idu. Iċ-ċavetta ma nafux eżatt x'se jsir minnha għax l-għażla hi f'idejna. Is-soċjetà tista' tiddeċiedi, kif nisimgħu ħafna drabi, li ssakkar lill-ħabsi u tarmi ċ-ċavetta. Is-soċjetà tista' tagħti ċ-ċavetta tal-ħelsien u l-maħfra soċjali lill-ħabsi. Is-soċjetà tista' tagħti l-opportunità ta' ħajja 'l barra mill-ħabs lill-ħabsin li ħarġu, lill-familji tal-ħabsin u lill-vittmi. Is-soċjetà tista' wkoll tinduna li l-ħabsin huma xi ftit il-frott tagħha. Iċ-ċavetta tal-ħabsi u l-vittma huma f'idi u f'idek. L-għażla f'idejna!



## IL-MEJJET

*"Il-mejtin tiċħdilhomx il-ħniena tiegħek" (Sir 7:33)*

Il-mewt hi ġrajja fundamentali fil-ħajja tal-bniedem. Iżda għall-Kristjan il-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma. Il-figura ċentrali tal-pittura turi l-bniedem mejjet u mitluq. Il-kulur pallidu juri li l-mewt ġa seħħet u dan hu l-mument fejn qed jiġi mqandel. Il-mejjet minn qaddu 'l fuq hu mingħajr ħwejjeġ biex juri l-faqar u l-fraġilità tal-bniedem li quddiem il-mewt xejn minn dak li kien jew milli kellu f'ħajtu ma jista' jipproteġih.

L-għajnejn tal-figura ċentrali naturalment huma magħluqin. Wara r-ras tal-mejjet hemm ileħħ id-deheb tal-preżenza ta' Alla fil-bniedem f'din il-ġrajja kruċjali. Fl-Iskrittura nsibu diversi ġrajjiet li juruna li l-ġisem mejjet għandu jiġi meqjum. Insibu l-ġrajja ta' Tobit li b'riskju għal ħajtu jidfen il-mejtin. Insibu d-difna ta' Ġwanni l-Battista mid-dixxipli, id-difna u l-qawmien ta' Lazzru, id-difna ta' Ġesù minn Ġużeppi minn Arimatija, u d-difna ta' Stiefnu. Il-qima mhix biss lejn il-ġisem tal-bniedem xbieha ta' Alla u tempju tal-Ispirtu s-Santu, iżda wkoll lejn il-ħajja tal-bniedem li ma tmut qatt.

**Il-figura tal-Knisja**
Fin-naħa tax-xellug tal-pittura, is-saċerdot jidher qed jgħin fid-difna tal-mejjet. Is-saċerdot li jakkumpanja lill-persuni tul ħajjithom iqawwihom bis-sagramenti u jgħinhom jaslu biex iħarsu b'fidi u tama lejn l-eternità. Dettall importanti f'din il-pittura hu li filwaqt li fil-pitturi l-oħra l-figura ċentrali qed tħares direttament lejn l-ispettatur biex tgħaddi l-messaġġ, din id-darba l-mejjet ma jistax jagħmel dan. Il-Knisja hi dik li tieħu dan il-post u titkellem għalih. Hi l-Knisja li titlob għall-mejtin, toffri s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija għal ruħhom, kif ukoll tfakkar lis-soċjetà biex titlob u tqim il-mejtin. Għalhekk il-ħarsa tas-saċerdot qiegħda direttament lejk u lejja li nħarsu lejn il-pittura. Barra minn hekk, il-Knisja għandha l-missjoni li tgħin lis-soċjetà tagħti sens lill-mewt u allura tgħin fi proċess veru ta' *bereavement* mibni fuq il-fidi fil-qawmien.

**Il-figura tas-soċjetà**
Is-soċjetà hi rraffigurata bħala raġel li qed jerfa' l-mejjet. Iżda din il-pożizzjoni tista' tkun ambigwa. Dan għaliex wieħed jista' jaraha bħala soċjetà li trid teħles u tiġri tneħħi minn quddiemha r-realtà tal-mewt. Il-bniedem jagħmel minn kollox biex ma jaħsibx u ma jarax il-mewt biex hekk jilludi ruħu li hu alla. Fil-fatt il-bniedem jipprova jgħatti u jaħbi kull sinjal ta' limitu fiżiku u ta' xjuħija.

Iżda l-pożizzjoni tas-soċjetà tista' tidher ukoll bħala soċjetà li terfa' l-piż li ġġib magħha kull mewt u tkompli tgħin bit-talb għall-mejjet. Il-Mulej qed jgħidilna: "Jien hu l-mejjet, u int?". Il-pożizzjoni li se tieħu s-soċjetà f'din il-pittura tiddependi minni u minnek!



## IL-ĦOLQIEN

*"U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu" (Ġen 2:15)*

Il-ħolqien f'din il-pittura hu rrappreżentat permezz tal-art, il-muntanji, il-baħar, is-siġar u t-tjur li jirrappreżentaw l-ispeċi kollha tal-ħolqien. Fiċ-ċentru hemm tifla innoċenti li tirrappreżenta lill-bniedem li fih tinġabar is-sintesi u l-milja tal-ħolqien. Wara li għamel il-ħolqien, Alla ħares u ra li kollox kien tajjeb. Wara li ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu, Alla ħares lejn dak kollu li għamel u ra li kollox kien tajjeb ħafna.

Il-fatt li bħala figura l-artist poġġa tifla żgħira jrid juri li quddiemha għad għandha futur ta' ħajja. L-għajnejn tat-tifla qed iħarsu dirett lejn min iħares lejn il-pittura. L-idejn qegħdin miftuħa biex jilqgħu. Iżda fil-ħolqien hemm kuntrast: hemm l-ambjent sabiħ li iktar ma tinżel 'l isfel jisfuma fi tkissir, kruha u ħmieġ. Dan hu rrappreżentat permezz tal-blokki tal-konkrit, swidija taż-żejt u plastik. Alla mill-kaos ħalaq is-sbuħija, filwaqt li l-bniedem bid-dnub, l-egoiżmu u r-rebgħa, mis-sbuħija jkisser u jġib il-kaos. L-idejn tat-tifla huma bħal miżien bejn l-armonija tal-ħolqien u l-kaos tat-tifrik tiegħu.

**Il-figura tal-Knisja**
Il-ħolqien sar bil-kelma ta' Alla. Il-Ġenesi jgħid: "U qal Alla: 'Ħa jkun id-dawl'. U d-dawl sar" (1:3). Iżda l-bniedem dineb u beda jeqred is-sbuħija. Warrab il-Kelma ta' Alla u emmen il-gidba tax-xitan. Minkejja dan, Alla ma telqux iżda permezz ta' Ġesù, il-Kelma li ħadet il-ġisem, reġa' wasslu għat-tiġdid tal-ħolqien. Għalhekk il-Knisja tidher fil-mument li s-saċerdot jifrex idejh fuq il-ħobż u l-inbid u jitlob lil Alla biex iqaddishom bl-Ispirtu tiegħu. L-Ispirtu hu dak li jagħti l-ħajja u jġedded il-wiċċ tal-art. Il-Knisja hi u tiċċelebra s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija, waqt li tinqeda bl-istess elementi naturali tal-ħolqien, tfakkar u tgħix il-ħolqien ġdid li ġab Kristu bil-ħajja l-mewt u l-qawmien tiegħu. Il-Knisja tfakkar lid-dinja li l-iskop tal-ħolqien hu l-eternità meta kollox jinġabar taħt ras waħda li hu Kristu. Għax x'sens fiha tgħix jekk it-tmiem hu l-mewt u m'hemm xejn wara? Fil-fatt id-dawl fuq wiċċ it-tifla jaqa' proprju min-naħa tal-lemin.

**Il-figura tas-soċjetà**
Il-figura tas-soċjetà tilgħab fuq il-ħarsa. Dan għaliex il-kelma *tħares* jista' jkollha ħafna tifsiriet. F'din il-pittura l-wiċċ tas-soċjetà, b'mod speċjali l-għajnejn, jidhru b'mod ċar. Is-soċjetà qiegħda tħares minn wara. Is-soċjetà trid tagħżel x'tip ta' ħarsa titfa'. Tista' tħares biex sempliċiment tammira mingħajr fidi. Tista' tħares fis-sens li tipproteġi l-ħolqien. Tista' tħares b'għajnejn ta' ħalliel biex tisraq u tabbuża mill-ħolqien. Tista' tħares lejn il-ħolqien u tilmaħ fih il-preżenza ta' Alla, li tilħaq il-milja tagħha fis-sagrifiċċju tas-salib. Mit-tip ta' ħarsa li nagħżlu jien u int jiddependi x'se nagħtu lill-ġenerazzjoni li ġejja. L-idejn tat-tifla jistgħu jimtlew bil-ħolqien sabiħ jew inkella bil-kaos u l-ħmieġ.

*Ritratti: Max Xuereb*

# L-ANTIFONI TAL-GĦASAR TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ




Flok il-Purċissjoni ta' San Ġorġ, din is-sena nhar il-Festa ta' Lulju filgħaxija, minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija, inżammet fil-Bażilika Ġorġjana Ċelebrazzjoni Solenni ta' Tifħir, Talb u Kant f'ġieħ San Ġorġ Martri, li fiha l-istatwa titulari tqiegħdet għall-qima u l-ferħ tal-poplu kollu fiċ-ċentru tal-presbiterju. Il-Banda Ċittadina La Stella, skjerata fil-Kappellun ta' San Lazzru, mhux biss esegwiet l-Innu l-Kbir fil-bidu, imma, taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha Dr John Galea, kompliet takkumpanja ċ-ċelebrazzjoni kollha bid-daqq ta' innijiet reliġjużi Ġorġjani li jżejnu r-repertorju tagħha. Il-Kor Laudate Pueri flimkien mal-Orkestra taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, Maestro di Cappella, esegwew l-Antifona *Beatus Georgius* u animaw il-Barka Ewkaristika fit-tmiem.

In-nisġa sempliċi u mexxejja taċ-ċelebrazzjoni kienet maħsuba biex tqanqal il-ħsieb ta' kull min kien preżenti dwar il-ħajja, ix-xhieda u l-glorja ta' Ġorġi. Għal dan il-għan, intgħażlu t-tliet Antifoni tas-Salterju tal-Għasar tal-Festa, li, wara qari mill-Missirijiet tal-Knisja, fuqhom saret kull darba riflessjoni qasira minn saċerdot Ġorġjan. Minħabba l-uniċità ta' din l-okkażjoni u l-ġmiel ta' riflessjonijiet, rajna li tkun ħaġa sabiħa jibqgħu mniżżla f'din l-edizzjoni bħala tifkira għażiża tal-mument tal-qofol tal-Festa ta' San Ġorġ 2021.

**L-Ewwel Antifona – *Georgius, nobilis genere, sed fide et sanctitate nobilior, Christi fidem constanter confessus est.* – Ġorġi, imsemmi ferm għal nislu, iżda fostna magħruf ferm aktar għal qdusitu, ħabb lil Kristu u l-fidi stqarr bla tlaqliq.**

Il-Kan. Joe Zammit



Ismek innifsu, f'sillabi magħquda u minquxa bid-deheb, jindika r-realtà li taħbi din l-ewwel Antifona.

Ġorġi: ġirja ordnata lejn realtà tal-ġenna; grazzja ordnata lejn realtà tal-glorja. Ġirja, għaliex hija l-ħajja ta' Alla moviment sħiħ; Alla qatt mhu wieqaf għax Alla hu mħabba, u l-imħabba ma tistax tieqaf għax hi n-nifs tagħha nfisha.

Hekk inti, San Ġorġ, għaddejt minn stat għall-ieħor, mill-mument tal-grazzja għall-mument tal-glorja, mid-dlam ta' din id-dinja għad-dawl tas-Sema, mill-mument tan-nuqqas ta' fidi għall-fidi Nisranija.

X'ma għandekx x'tgħidilna, San Ġorġ, lilna li aħna wkoll bħalek suppost niġru fil-ħajja tal-grazzja, biex imbagħad ukoll bħalek inkunu inkurunati bl-elmu tal-glorja!

X'ma għandekx x'tgħidilna llum, meta nkaxkru riġlejna, meta aħna ma niġrux bħalma ġrejt inti, kif tgħidilna l-Iskrittura: "Jiena niġri fit-triq tal-Kmandamenti tiegħek" (ara Salm 119:60)!

U niġru meta bħala soċjetà aħna jkollna verament *l-unur* li nagħmlu liġijiet kontra l-liġijiet ta' Alla? Aħna niġru u ma nkaxkrux, meta aħna minflok nagħmlu liġijiet favur il-ħajja, nagħmlu liġijiet favur il-mewt? Meta aħna minflok liġijiet favur l-istabbiltà tal-familja, nagħmlu liġijiet għad-diżordni tagħha; meta aħna ma nkaxkrux saqajna, meta aħna minflok ma nagħmlu liġijiet favur id-dinjità tal-persuna umana, aħna nagħmlu liġijiet bil-wisq iktar għall-annimali, għad-dinjità tagħhom?

San Ġorġ, idħol għalina, sabiex, kif għamilt inti li naqqaxt fik il-persuna ta' Kristu, hekk ukoll is-soċjetà tagħna tnaqqax fiha mill-ġdid dik is-soċjetà li għaddewlna missirijietna, meta ħallewlna dan il-kapolavur, jiġifieri l-espressjoni tal-fidi tagħna.

Sliem għalik, żagħżugħ miexi fis-Sema,
mogħni bl-ogħna tal-għana l-ilbies.
Sliem għalik, kbir qaddis minn tal-Knisja,
li quddiemek jgħib f'moħħna kull qies.

Sliem għalik, anġlu ħlejju ta' Alla,
mibgħut lilna bħal darba fiż-żmien
biex tgħarrafna li r-rebħa tkun tagħna
jekk triqatek ma nibdlu ma' mkien.

Għax għażilt inti l-għana tas-Sewwa
miftuħ għal min iħobb is-Salib,
ittajjart int fuq l-għana tad-dinja
li x-xitan lilu jżommu b'ħabib.

Tiddi b'kewkba għall-ġnus u għall-popli,
tixhed t'Alla kelmietu bis-sħiħ,
lilu toħroġ rebbieħ fuq il-bosta
li l-ġieħ tagħha qaxxrulha mill-qiegħ.

Xempju siewi għal kull qalb żagħżugħa
li quddiemha t-tama bħal tnin,
togħla u tikber tixtieq fil-pjan t'Alla,
lura jżommha hemm kiefer destin.

Għax illum dak l'hu żejjed sar ħtieġa,
sar il-għama tal-kotra l-ftaħir,
l-allat fiergħa ta' żmienek moħbija
dehru sfiq, mhux bħal qamar fil-bir.

Żomm taħt ħarstek dil-ġemgħa ħabrieka
fil-vjaġġ tagħha lejn Alla l-Ħallieq,
għax mitluqa hi fik f'ġenn ta' mħabba,
għax mitlufa mingħajrek fit-triq.

Għolli isimha fuq stendard ir-rebħa,
għolli ġieħha mal-ogħla smewwiet,
hemm fejn tixref il-glorja tal-aħwa,
hemm fejn t'Alla s-Saltna qatt tfiet.

## It-Tieni Antifona – *Georgius, ut se expeditius ad martyrium præpararet, facultates suas pauperibus erogavit.* – Ġorġi ħejja ruħu għall-martirju b'ħeffa kbira billi qassam ġidu lill-foqra ta' madwaru.

Dun Joseph Mercieca

Wieħed jista' jaħseb li l-martirju huwa mument ta' siegħa ħarxa u vjolenti qabel il-qaddis imut; siegħa fejn il-qaddis jistqarr it-twemmin tiegħu f'Ġesù Kristu. Dan huwa minnu, imma ftit wisq.

It-tieni Antifona hija ċara dwar dan: jiġifieri l-martirju f'San Ġorġ ma kienx sempliċiment mument qabel il-mewt, imma sejħa minn Alla li kienet minn ħafna qabel tinħema fil-qalb tiegħu. Il-kelma *martirju* tfisser xhieda. Il-qaddis tagħna Ġorġi, din ix-xhieda Kristjana li wasslitu b'ħeffa għall-martirju bdiet tintwera b'mod tal-għaġeb fil-ħajja tiegħu tal-fidi; ħajja msawra fil-karità lejn il-foqra.

*Qassam ġidu* tgħid l-Antifona; mhux xi ġid minn tiegħu, imma ġidu. Dan ifisser li l-għotja tiegħu ma kinetx sempliċiment marbuta biss mal-ġid materjali, imma wkoll mal-ġid kollu li seta' jiddisponi minnu San Ġorġ, bħalma fil-fatt kienet il-pożizzjoni tiegħu fl-imperu Ruman. Imma l-ikbar ġid li kellu San Ġorġ kienet il-fidi tiegħu f'Alla. Il-ġid li qassam San Ġorġ ma kienx sempliċiment bħal dak tal-NGOs li jagħmlu atti umanitarji indipendentement jekk jemmnux f'Alla jew le. Le, mhux l-istess! Il-qawwa li biha qassam ġidu San Ġorġ kienet imħeġġa mill-imħabba tiegħu lejn Alla. Ġorġi tħeġġeġ mhux minn qawwa umana, imma mill-għajn stess tal-karità: Kristu nnifsu. Tant hu minnu dan li l-karità tiegħu wasslitu għall-martirju. L-imperu Ruman ma kienx joqtol għall-karità li wieħed jagħmel, imma għall-karità li wieħed jagħmel minħabba l-Isem qaddis ta' Ġesù Kristu.

Il-foqra tal-lum għandhom ħafna wċuħ; mhumiex dawk biss li m'għandhomx għaxja ta' lejla; li huma ħafna. L-ikbar fqir huwa dak li nieqes minn Alla nnifsu, għax Alla huwa l-ogħla ġid, u minn dawn għandna ħafna meta wieħed jikkunsidra ħafna bnedmin tal-lum fejn qed ifittxu s-serħan tagħhom: droga, alkoħol, pornografija, abort… F'dinja bħal tagħna, fejn l-ispirtu profan qed iħeġġeġ l-ateiżmu prattiku – jiġifieri li wieħed jiddeċiedi mingħajr Alla – kemm hu xieraq li nieħdu l-eżempju ta' San Ġorġ li l-martirju tiegħu



– ix-xhieda tiegħu – kien imnissel fl-imħabba tiegħu lejn Ġesù Kristu! Ejjew f'kull ħsieb minn tagħna, fid-deċiżjonijiet li nieħdu kontinwament, fl-azzjonijiet u fil-kliem tagħna, ikun hemm dejjem l-Ispirtu qaddis ta' Alla. Huwa l-Ispirtu qaddis ta' Alla biss li ma jqarraqx bina, jagħti xhieda tas-sewwa u jwassal lilna wkoll bħal San Ġorġ b'ħeffa għas-serħan etern.

**It-Tielet Antifona – *Fortiter inclinato capite pro Christi nomine, martyrio meruit coronari.* – Ġorġi bi qlubija mejjel rasu u miet għal Kristu; il-martirju kien kuruna ta' ġieħ għalih.**

Mons. Ġużeppi Farrugia

Fl-antifoni li dwarhom aħna qegħdin nirriflettu għandna l-memorja ta' San Ġorġ li l-Knisja tgħożż, li l-Knisja tibdel f'kantiku ta' tifħir, u li l-Knisja xxandar bħala dawl għalina. Fiż-żewġ antifoni li diġà smajna dwarhom għandna riflessjonijiet sbieħ fuq il-fidi ta' San Ġorġ u fuq id-disprezz tiegħu lejn il-ġid tal-art u l-qadi tiegħu tal-foqra. It-tielet Antifona tkellimna dwar il-martirju tiegħu, jiġifieri l-memorja tat-twelid glorjuż tiegħu għas-Sema.

Il-memorja hija essenzjali għalina. Aħna l-Insara aħna bnedmin illi ngħixu bil-memorja, jiġifieri l-memorja ta' dak li Alla għamel magħna fl-istorja tas-salvazzjoni. Il-memorja ta' Ġesù – l-Iben ta' Alla li sar bniedem u miet fuq is-salib għalina. Il-memorja tal-qaddisin martri, fosthom il-memorja ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Kristu.



Ħuti għeżież, dwar San Ġorġ ma tantx hemm xi tgħid, imma kif qal wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja Sant'Ambroġ, li twieled sewwasew fis-sena illi fiha sofra San Ġorġ il-martirju tiegħu, dwar San Ġorġ nistgħu ngħidu dawn il-kelmiet: *"Appellabum martirem prædicavi satis"* – "Insejjaħlu martri u f'din is-sejħa hemm kollox dwar il-ħajja tiegħu".

X'tgħidilna l-memorja tal-martirju ta' San Ġorġ? Tgħidilna illi San Ġorġ kien imħejji għal dan il-mument tal-martirju tiegħu. Kien il-frott ta' pellegrinaġġ illi huwa kien għamel: pellegrinaġġ ta' fidi, pellegrinaġġ ta' servizz lill-foqra, pellegrinaġġ ta' tqaddis, ta' santifikazzjoni, pellegrinaġġ ta' xhieda Nisranija. Kien imħejji għal dan il-mument tal-martirju tiegħu.

Tgħidilna wkoll l-antifona f'din il-memorja illi San Ġorġ kien Nisrani msaħħar minn Kristu. Ma jistax ikun li wieħed jgħaddi mill-persekuzzjonijiet li minnhom għadda San Ġorġ, kemm fil-ħajja tiegħu bħala suldat – meta kien mhux biss suldat Nisrani, imma Nisrani suldat – u kemm fil-jiem ta' tbatija tiegħu, ma jistax ikun illi huwa ma kienx imsaħħar minn Kristu, imġennen wara Kristu, ħaġa waħda ma' Kristu, jaħseb biss fih, irid biss li jkun miegħu u jkun fih! Dan il-martirju jurina kemm San Ġorġ kien tabilħaqq ħaġa waħda ma' Kristu mhux biss bħall-fergħa mad-dielja, kif smajna fil-Vanġelu tal-lum, imma bħal-linfa fid-dielja, illi huwa Kristu.

Fit-tielet Antifona, *Fortiter inclinato capite*, it-tradutturi qalu li San Ġorġ "mejjel rasu bil-qlubija", imma mhux biss bil-qlubija li ġejja mill-ħajja umana, mill-kapaċità tal-bniedem. *Fortiter* tfisser "b'qawwa", jiġifieri b'qawwa li ġejja minn barra minnu, għaliex San Ġorġ kellu fih l-Ispirtu ta' Kristu. Kien l-Ispirtu ta' Kristu li tah il-qawwa biex isofri l-martirju u biex mill-martirju joħroġ glorjuż. Din kienet is-sejħa tiegħu: li jkun glorja tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Għalhekk, ħuti għeżież, ejjew illum quddiem San Ġorġ intennu din it-talba. Aktar minn talba hija impenn li aħna nagħmlu kull darba li ngħiduha: "Glorja lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. San Ġorġ, jien irrid inkun bħalek: glorja tal-Missier u ta' dak li għamel magħna; San Ġorġ jien irrid inkun bħalek: glorja tal-Iben u tal-imħabba tiegħu għalina; San Ġorġ, jien irrid inkun bħalek: glorja tal-Ispirtu s-Santu u tal-qawwa tiegħu fina".



ATTWALITÀ



# SAĊERDOTI ĠORĠJANI LI QED JAQDU L-KNISJA UNIVERSALI (2)

Il-Kan. Tonio Galea

Kull sena fil-jiem sħan ta' Lulju jkollna fostna lil **Dun Tonio Galea** li jinżel minn Ruma biex igawdi ftit ġranet ta' mistrieħ mal-familja u l-ħbieb tiegħu. Iż-żgħar nett fostna forsi ftit li xejn jafuh, imma l-ġenerazzjoni żagħżugħa li kienet attiva fil-gruppi tal-adolexxenti, tal-abbatini u tal-vokazzjonijiet tal-Parroċċa fid-disgħinijiet qattgħet miegħu l-isbaħ esperjenzi.

Wara l-ewwel snin tas-saċerdozju f'Ruma u esperjenza qasira ta' Kappillan u Viċi f'Għawdex, f'Settembru 2012 Dun Tonio beda esperjenza ta' *Fidei Donum* bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' Santa Marija Omm il-Feddej, fil-Belt Eterna. Huwa wettaq din il-ħidma għal disa' snin, fejn ta s-servizz tiegħu prinċipalment fost l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ, kif ukoll adulti u morda. Sa mill-2019 inkardinat fid-Djoċesi ta' Ruma, fl-20 ta' Ġunju 2021 għadu kemm ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù, fiż-żona ta' Magliana, Ruma.

Wara li kont tajt id-disponibbiltà tiegħi li nagħmel esperjenza pastorali fid-Djoċesi ta' Ruma, l-Isqof Mario Grech, bħal dan iż-żmien tas-sajf tas-sena 2012 kien bagħat jgħidli li kien hemm possibbiltà li mmur bħala Viċi f'parroċċa Ruma. Kienu qaluli li ż-żona kienet imsejħa Tor Bella Monaca. Jekk wieħed ifittex dan l-isem fuq l-internet ma tantx jieħu idea tajba, għax din iż-żona fil-periferija ta' Ruma hija magħrufa għall-kriminalità u għad-droga. Għalhekk, meta f'Settembru 2012 mort hemm l-ewwel darba, dħalt fuq ponot subgħajja!

Il-Parroċċa jisimha Santa Marija Omm il-Feddej u tgħodd madwar 40,000 ruħ. Sirt naf li l-Kappillan Don Francesco ukoll kien ser jibda l-esperjenza tiegħu hemmhekk bħala kappillan, wara li ġa kien ilu 10 snin kappillan f'żona oħra. Din il-ħaġa għamlitli kuraġġ, speċjalment meta sirt naf li dan il-kappillan fil-bidu tas-snin tiegħu ta' saċerdozju kien ħadem flimkien ma' xi saċerdoti Għawdxin li kienu jistudjaw Ruma, fosthom il-Kan. Joe Zammit u Dun Fabio Attard SDB, it-tnejn ulied il-parroċċa tagħna, kif ukoll il-mibki Dun Lino Vella, mill-Parroċċa Ta' Kerċem.



Il-Papa Franġisku jżur il-Parroċċa f'Marzu 2015.

Minkejja l-ftit biża' tal-ewwel passi tiegħi f'din il-parroċċa, illum, wara disa' snin ta' ħidma u wara li issa wasalt biex nagħlaq din l-esperjenza hawnhekk, nista' ngħid li kienet esperjenza sabiħa ħafna, "skola ta' umanità kbira", u esperjenza mill-isbaħ ta' ħajja saċerdotali. Huwa veru li ż-żona ta' Tor Bella Monaca hija marbuta ma' ħafna affarijiet negattivi, imma kif jgħidu, tagħmel aktar ħoss siġra waħda li taqa' milli bosk sħiħ li jkun qed jikber. U hekk hu!

Esperjenza mill-isbaħ f'dawn l-aħħar disa' snin kienet il-ħajja tagħna s-saċerdoti flimkien. F'dawn is-snin konna dejjem ħames saċerdoti: jiena u l-Kappillan konna dejjem l-istess, l-oħrajn inbidlu diversi drabi skont l-esiġenzi. Dejjem irnexxielna ngħixu ħajja fraterna mill-isbaħ; minkejja li kull wieħed minna kien ġej minn post u ambjent differenti, u kull wieħed minna kellu u għandu l-ideat tiegħu, dejjem irnexxielna nimxu flimkien u din il-ħaġa kienet tinħass ħafna min-nies u kienu jgħidulna bla tlaqliq li kienu jarawna dejjem magħqudin bejnietna. Nemmen li s-sigriet ta' kollox kien mument ta' talb li kull wieħed minna kien jista' jattendi għalih bl-aktar mod liberu. Kuljum, wara l-quddiesa tat-8.00am, min kien ikun irid u min kien ikun jista', konna niltaqgħu biex flimkien nitolbu l-Uffiċċju Divin. Kien mument sempliċi, mhux dejjem konna nkunu kollha kemm aħna, imma ċert li kien il-mument li jgħaqqadna u li fih b'mod informali konna ngħidu lil xulxin f'dik il-ġurnata x'impenji kellna.

F'din il-parroċċa aħna s-saċerdoti naħdmu id f'id flimkien ma' tliet kongregazzjonijiet ta' sorijiet (Salesjani, tal-Karità u ta' Madre Tereża), flimkien ma' għadd ta' assoċjazzjonijiet lajċi, sew li jaħdmu fl-intern tal-parroċċa u sew li jaħdmu fuq it-territorju ta' Tor Bella Monaca. Is-Sorijiet Salesjani kienu jieħdu ħsieb l-oratorju parrokkjali u jgħinu fil-katekeżi tat-tfal u ż-żgħażagħ, kif inhu l-istil li ħallielhom San Ġwann Bosco. Fuq kollox (dejjem fil-lokal tal-parroċċa) għandhom żewġ ċentri li fihom jilqgħu tfal

b'diffikultà, mill-ħin ta' wara l-iskola (f'xi t-3.00pm) sal-ikla ta' filgħaxija (sa xi t-8.00pm). Dan ix-xogħol isir sew permezz ta' nies professjonisti bħal edukaturi u psikologi, imma fuq kollox dan is-servizz huwa possibbli grazzi għal ħafna volontarjat li jżomm ħajja din l-opra ta' karità. Is-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida jieħdu ħsieb (kif titlob l-ispiritwalità tagħhom) il-Caritas parrokkjali, fejn kull xahar iqassmu madwar 350/400 pakkett bi bżonnijiet ta' kuljum għall-familji li ma jaslux sal-aħħar tax-xahar. Is-Sorijiet tal-Karità flimkien mas-Sorijiet ta' Madre Tereża kuljum tarahom iterrqu fit-territorju tal-parroċċa jfittxu l-"vera foqra", jiġifieri dawk li verament kellhom bżonn għajnuna għax jinsabu f'sitwazzjonijiet gravi ħafna, u flimkien ma' għadd ta' ministri straordinarji tal-Ewkaristija jmorru jqarbnu lill-morda. F'xi żminijiet partikulari tas-sena jew meta jkun hemm bżonn, aħna s-saċerdoti mmorru magħhom fid-djar biex flimkien mas-sagrament tal-Ewkaristija nkunu nistgħu namministraw ukoll is-sagrament tal-Qrar u anki tal-Griżma tal-Morda.

Wieħed mill-impenji prinċipali tiegħi kien li ngħin fl-oratorju flimkien mas-Sorijiet Salesjani f'dak li kellu x'jaqsam mal-pastorali taż-żgħażagħ. Bl-istil ta' Don Bosco konna nippruvaw ngħinu lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ, l-ewwel umanament u mbagħad nippruvaw inressquhom lejn Kristu. Il-qofol tal-attivitajiet tal-oratorju konna nilħquh fix-xahar ta' Ġunju, meta l-Italja tkun diġà spiċċat l-iskola u konna nagħmlu tliet ġimgħat hekk imsejħa "Estate Ragazzi", jew kif nafuha hawn, 'Skola Sajf'. Kien ikollna madwar 400 tifel u tifla bejn Year 1 u Form 2 u madwar 70/80 animaturi żgħażagħ (uħud minnhom jiffrekwentaw l-oratorju u l-knisja, oħrajn le).

Nista' ngħid li f'din il-parroċċa tgħallimt ukoll *nisma'*. Minbarra l-attività maż-żgħażagħ kelli wkoll attività marbuta mal-foqra ta' kull tip, u dawn ħafna minnhom kont niltaqa' magħhom flimkien mas-Sorijiet tal-Karità u ta' Madre Tereża, li kienu jsejħulna biex immorru nżuru lil xi persuni li huma kienu jiltaqgħu magħhom u li kien ikollhom bżonn lil xi ħadd li sempliċement jismagħhom. Nista' ngħid li forsi qatt ma rnexxieli nsolvi l-problemi ta' ħadd minn dawk in-nies li kont immur inżur, imma kont nara li l-fatt li xi ħadd qagħad jismagħhom kien jgħinhom ħafna. Ħafna drabi kont inkun jien li noħroġ edifikat bl-eżempju tan-nies li kont nisma'. Nies li jgħixu fi tbatija kbira, abbandunati, waħidhom, jew iddedikati totalment (24 siegħa kuljum) għal xi marid jew persuna b'diżabbiltà serja, u jagħmlu dan bi tbissima fuq fommhom. Xħin kont noħroġ mingħandhom kont ngħid: "Jiena ma nagħmel xejn fil-konfront ta' dawn in-nies". Anki fl-uffiċċju parrokkjali kont nagħmel esperjenzi sbieħ, fejn ma kont nagħmel xejn speċjali ħlief li nisma', smigħ li xi kultant kien jittrasforma ruħu fi qrara mill-isbaħ ta' nies li kienu ilhom ma jersqu għall-qrar 15, 30 jew 40 sena, u għax sempliċement daħlu l-knisja u sabu saċerdot lest li jkellimhom, bidlu ħajjithom!

Mument partikulari kien iż-Żjara Pastorali tal-Papa Franġisku fit-12 ta' Marzu 2015 fil-parroċċa tagħna. Din iż-żjara ma kinetx mistennija peress li din il-parroċċa kien diġà żarha l-Papa San Ġwanni Pawlu II fil-bidu tas-snin 80 meta kienet għadha kemm ġiet iddedikata l-knisja. Sirna nafu b'din iż-Żjara Pastorali f'xi Jannar 2015, għalhekk tistgħu timmaġinaw ix-xogħol li ried isir biex nippreparaw. Kienet esperjenza sabiħa ferm, mhux biss il-miġja tal-Papa fiha nfisha, imma daqshekk ieħor importanti kienet il-preparazzjoni u l-entużjażmu tan-nies fil-ġimgħat ta' qabel. Il-Papa ġie l-parroċċa fin-nofstanhar ta' filgħaxija, żjara qasira imma intensa fejn seta' jiltaqa' ma' kull kategorija, ibda mill-morda, anzjani u persuni b'diffikultà li ltaqa' magħhom fl-istruttura taċ-ċentru tal-Caritas. Imbagħad iltaqa' mat-tfal u ż-żgħażagħ fil-grawnd tal-parroċċa, fejn tlett itfal u żgħażagħ għamlulu xi domandi. Minn hemm iltaqa' ma' grupp żgħir ta' tfal li jgħixu diffikultajiet fil-familji tagħhom, u dritt wara fis-sala tat-teatru ltaqa' mal-Kunsill Pastorali u l-kollaboraturi parrokkjali. Mument ieħor sabiħ kien meta ltaqa' mal-familjari tagħna s-saċerdoti u dritt wara qarar tliet membri tal-komunità parrokkjali li xi jiem qabel tellajna bix-xorti. Il-qofol taż-żjara kienet il-quddiesa mal-komunità parrokkjali li kellha x-xorti tidħol fil-knisja u folla kbira ta' nies li segwiet mill-pjazza.



Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm.



Żjara Pastorali tal-Kardinal Vigarju ta' Ruma Mons. Angelo De Donatis f'Jannar 2019.



Il-Camping tal-Familji u ż-Żgħażagħ fl-2018.

Issa mill-1 ta' Settembru 2021 ser nibda esperjenza ġdida bħala Kappillan fil-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù. Żgur li miegħi ser nieħu bagalja ta' esperjenzi sbieħ li ċert ser jgħinuni f'din l-avventura l-ġdida li ser nibda. Miegħi mhux ser nieħu biss l-esperjenza li għamilt f'dawn l-aħħar disa' snin, imma żgur li ser nieħu wkoll dak kollu li jiena rċevejt minn Għawdex tagħna u fuq kollox mill-Parroċċa ta' Ġorġi tagħna, li fiha rċevejt il-Fidi bis-sagrament tal-Magħmudija, fiha kbirt fil-Fidi permezz tas-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin, fiha wkoll irċevejt il-konferma tal-imħabba ta' Alla għalija fil-Griżma tal-Isqof, u fiha wkoll irċevejt id-don tal-Ordni Sagri. Fuq kollox ser nieħu miegħi lil San Ġorġ, il-Martri, ix-xhud ta' Kristu, u nitlob l-interċessjoni tiegħu sabiex ngħin lill-komunità parrokkjali tiskopri l-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù.

## IL-KONFIRMAZZJONI | Il-Ħadd 16 ta' Mejju 2021



Liam Apap, Colette Attard, Cristina Attard, Daniel Attard, Asia Azzopardi, Zack Anthony Azzopardi, Isaac Buttigieg, Martina Cremona, Julian Camilleri, Kayla Cassar, Luca Galea, Mireille Galea, Jordie Gatt, Giuseppe Grech, Philip Magrin, Angéle Muscat, Elena Portelli, Andreas Refalo, Shyanne Mary Sant, Anthony Spiteri, Thea Tabone, Davina Vassallo, Hannah Vassallo, Keith Vella, Lincoln Vella, Elena Xiberras

*Ritratt: CVC Media*

## L-EWWEL TQARBINA | Il-Ħadd 6 ta' Ġunju 2021



Karol Abela, Gabriel Attard, Mattias Attard, Ilaria Bugeja, Massimo Buhagiar, Sam Camilleri, Mia Cassar, Riley Cefai, Elena Rose Ciantar, Alana Cilia, Julian Cordina, Juliana Gatt, George Grech, Kyle Grech, Layla Grech, Karl Lanzon, Ellie Mercieca, Chloe Mizzi, Julian Mizzi, Claire Pisani, Thomas Rapa, Giulia Sacco, Carla Said, Nikolay Sciberras, Alexey Scicluna, Andrea Scicluna, Liam Sultana, Manuela Thuema Scerri, Ann Vassallo, Elisa Vassallo, Ayden Vella, Keith Vella, Nick Vella, Clara Xuereb, Anthony Zammit, Matthias Zammit, Michael Zammit, Yanica Zerafa

*Ritratt: Scerri Photo Studio*

# "ENCOMIUM IN SANCTUM MARTYREM GEORGIUM" (2)

## PRIETKA TA' SANT'ANDRIJA TA' KRETA (C. 650-C. 712, 726, 740) DWAR SAN ĠORĠ MARTRI







Traduzzjoni ta' Mons. Ġużeppi Gauci



*...jaqbad mill-ħarġa li għaddiet*

Mill-bqija, Ġorġi, l-atleta ġeneruż, b'vuċi soda u sħiħa, insista fl-istqarrija ta' Kristu Alla u qal li dawk li l-folol kienu qed jaduraw ma kinux ħlief demonji. U kompla li dawk li kienu qed jinqdew bil-gideb u bl-ingann, kienu qed jiżbaljaw bl-ikrah u jiġġennu meta jgħidu li huma allat dawk li ma kienu xejn. Ġabilhom ukoll ħafna provi biex juri li kulma kienu jgħidu ma kienx kliem l-allat, imma qerq u ħażen. Imbagħad qal lil dawk li kienu jidgħu bla waqfien biex jagħlqu fommhom u jikkonvertu mill-iżball tagħhom u jfittxu li jagħrfu 'l Alla wieħed u waħdu veru. Fl-aħħar tenna dak li spiss jingħad fl-Iskrittura: *"L-allat li ma għamlux is-smewwiet u l-art, għad jgħibu minn fuq l-art u minn taħt is-smewwiet"* (Ġer 10:12).

Iżda huma kienu jfittxu li jinqdew bil-qerq, bil-mezzi kollha kienu qed jeħduha kontra l-atleta, mhux billi ma jgħidu xejn, jew billi ma jagħmlu xejn, imma kienu qed jippruvaw iwaqqgħu għaċ-ċajt bi ftaħir żejjed il-kliem tiegħu, kif ukoll kienu qed jhedduh b'mod li jweġġa'. Kienu wkoll jagħmlu tabirruħhom li qed ifaħħru sbuħitu, kif ukoll in-nisel tal-familja tiegħu, u l-qawwa tiegħu meta kien joħroġ għal xi taqbida. Bdew ukoll bħal juru sentimenti ta' ħniena lejn l-età żagħżugħa tiegħu li bl-ebda mod ma kien jixirqilha mewta bikrija, anzi kien ikun aħjar għalih li jagħżel is-sbuħija tat-tgawdija ta' din il-ħajja. Bl-istess mod bdew jipproponulu għana u karigi dinjitużi li mhux ta' min iwarrabhom. Imma mbagħad, komplew jgħidulu, jekk jibqa' ma jagħtix kas tal-pariri tagħhom, kien hemm lesti għadd ta' turmenti u triqat diversi bi tbatijiet twal u kbar li jwasslu għall-mewt.

Iżda Ġorġi, is-suldat sod u qatt mirbuħ ta' Kristu, li darba kien tgħallem li aktar għandu jobdi 'l Alla milli lill-bnedmin, u li m'hemm xejn aktar ta' siwi u aktar urġenti milli wieħed joqgħod għal Alla, xejn ma biddel fi mġiebtu u minn xejn ma beża'; ma ħalliex li jintrebaħ la mit-tifħir vojt u lanqas mit-tbatijiet li semmewlu, xejn ma beda jinkwetah. Hu rrifjuta l-wegħdiet fiergħa kollha għax għalih ma kienu jfissru xejn ħlief ħażen; warrab għalkollox il-pariri ħżiena li kienu qed jingħatawlu daqslikieku kienu velenu li jġib il-mewt. Kien ukoll malajr jitbissem quddiem it-theddid li kien isir lil ruħ bħal dik tiegħu, dejjem lesta biex tilqa' kull tbatija. Biex ukoll f'xejn ma jibqa' lura, mill-ewwel quddiem il-periklu bla ma kien jieqaf biex jifhem x'qed jiġri, kien jimtela bil-ħeġġa hu u jtenni bla waqfien: *"L-imħabba tiegħi hi msallba"*. U biex niġbor kollox fil-qosor, minn kullimkien qatt ma kien mirbuħ mill-għedewwa, dejjem seta' jtenni: *"Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien ta' issa u la ta' li ġej, la s-setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħlejqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna"* (Rum 8:35-39); *"għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ"* (Fil 1:21).

Ġorġi kien ukoll qed jargumenta ma' dawk li kienu kontrih, mhux biss bil-kliem, imma wkoll bl-istess imġiba tiegħu kollha għaqal u qawwa; kien qisu tassew ġellied qawwi, sħiħ mhux biss fil-ġisem imma wkoll fl-ispirtu, u mhux biss dejjem lest biex jeħodha kontra l-għedewwa, imma wkoll jilqa' bis-sabar il-feriti li jgħamlulu; hu kien ifittex li jbati filwaqt li huma mhux ħlief li jsawtuh. Huma tassew kienu jsawtu ġismu bil-vireg, u hu bis-sabar kien dejjem lest biex jirbaħ, tant li minkejja li xħin kienu jarawh ferut aktar kienu jsawtuh, imma bilkemm kienu qed jilħqu l-għan tal-persekuzzjoni tagħhom. Imbagħad ordnaw li l-Qaddis jissawwat bil-flaġelli tal-ħadid; u meta dawn il-flaġelli tal-ħadid saru qishom ċomb u bihom ma ntlaħaqx il-għan mixtieq tagħhom, u tassew iddiżappuntaw ruħhom fit-tama li kellhom, bdew jaħsbu għal turmenti oħra

*jissokta f'paġna 18...*




# MUMENTI GĦEŻIEŻ MIĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ 2021







## LILL-PATRUN TAGĦNA SAN ĠORĠ

Mons. Eddie Zammit

Nilmħuk ġo Berito tissara
fuq żiemel bil-lanza 'l quddiem,
b'dragun ta' kull biża' u kruha
iwassal xtaq ħajtek fit-tmiem.

Bil-qawwa u kuraġġ liema bħalu
u b'ħarstek merfugħa 'l fuq,
bl-għajnuna tal-għoli mwieżen
bil-fidi u t-tama misjuq.

Irbaħt, għażiż Ġorġi; rebbaħna
fuq l-għadu tal-ħażen u l-hemm.
Ressaqna u 'tina b'wirt 'l Alla
fil-waqt li ħajjitna tintemm.

Urina l-wiċċ għażiż tiegħek,
o Ġorġi ta' Lidda Tribun,
mexxina, wassalna sal-glorja:
int tagħna, int qawwi Patrun.

18 ta' Lulju 2021



...jaqbad minn paġna 15

li bihom riedu jgħaddu lil Ġorġi minn tbatijiet akbar, tant li ġabu blata kbira u fil-ħabs għabbewh biha u hekk għadda lejl sħiħ taħt it-toqol tagħha. Minbarra dan, riġlejh ġew stirati fil-patibolu tal-injam, u malajr bdew jinqdew b'turmenti iebsa oħra biex mingħalihom iwassluh fejn xtaqu.

U meta l-atleta tagħna deher li bilkemm kien qed iħoss it-tbatijiet jew jaqta' qalbu, huma nqdew bl-aħħar turment li kien tassew tal-biża', li bih f'kumbatt dirett riedu jkissru r-ruħ ġeneruża tiegħu. Rabtuh fil-għoli mar-rota li magħha r-raġel ta' qalb kbira sab ruħu b'ġismu mgħawweġ u bil-qawwa kollha mdawwar kontra x-xfafar jaqtgħu tar-rota, b'ġismu kollu mċarrat u mqatta' bċejjeċ. Fl-istess ħin, meta l-ġisem deher imċarrat f'għadd ta' partijiet bix-xfafar imsinna u minnu ħarġet xmara ta' demm iħammar, għall-għajnejn għomja tal-bnedmin deher diġà mejjet, u meta rawh f'dik is-sura, ħafna bdew ifaħħru bil-għana tagħhom 'l-allat jew aħjar lid-demonji.

Il-bqija dehru maħkumin minn mistħija kbira meta lil dak li ħasbuh mejjet, ftit wara rawh imfejjaq għalkollox. Għax meta Kristu, li hu l-ħajja ta' kulħadd, Alla veru u Feddej, ħeles lill-qaddej tiegħu Ġorġi mill-feriti kif ukoll mit-turmenti, wassal lill-għassiesa għal twerwir mill-akbar. Għal darb'oħra, dak ir-rebbieħ, mixtieq li jasal għal taqbidiet aktar siewja, waqaf quddiem it-tiranni u beda juri bil-kliem u bil-fatti l-qawwa rebbieħa ta' Kristu. Kienet tassew dehra tal-biża' u twerwir dik li fl-istess ħin saħħet lill-fidili u għalqet għalkollox fomm l-infidili. Dawn intlaqtu tassew minn ġrajja mhix mistennija, għarfu tassew li dak li raw kien tassew veru, u filwaqt li kien jixraq li jiddispjaċihom minn għemilhom, komplew ifittxu turmenti agħar għall-bniedem qawwi.

Il-materja li biha riedu jeqirduh billi jaħarquh ħaj tissejjaħ "asbestos", jiġifieri li ma tintefiex: iżda dak il-ħin, meta hu nxteħet fiha, żgur li ġiet mitfija. Dan kollu, li ġara kontra dak li kienu qed jaħsbu t-tiranni, għal ħafna li kienu qed isaqsu deher li mhux ta' min jemmnu, li l-asbestos intefa għax skont in-natura tiegħu hu tali li malajr jista' jinħaraq bil-qawwa kollha, u l-materja tiegħu hi tassew tajba għall-ħruq u xejn ma jkun jista' jirreżisti l-fjamma tiegħu. Imma minn dan kollu Ġorġi ħareġ bla mittiefes, l-ebda qawwa ta' nar ma għamlitlu ħsara. U dan in-nar deher bħal annimal immexxi mill-ħajja naturali tiegħu permezz ta' xi spirtu teneru tal-ajru li ħidmietu hi li jeqred u jħalli bla nifs il-ħajja, imma li anki l-istess ħajja naturali tiegħu tteħditlu għalkollox. U jekk xi ħadd irid jeħodha kontra dan kollu li ġara, nistiednu jieqaf jaħseb kif Ġona, li għex tlitt ijiem f'żaqq il-ħuta, ħareġ minnha bla mittiefes (ara Ġon 2:1-11). L-istess Ġeremija ġie mniżżel fil-bir ta' Malakija u għodos fil-ħama, imma minn hemm ħareġ bħal minn qabar (ara Ġer 38:6-11). Hekk ukoll it-tfal li nxteħtu fil-forn tan-nar u hemm żiffa niedja bdiet tfewweġ tant li *"ebda riħa ta' ħruq ma kienet tinxtamm fuqhom"* (Dan 3:94). U jekk il-Mulej tal-akbar glorja għamel dawn il-ġrajjiet kbar u tal-għaġeb għall-qaddejja tiegħu matul żminijiet diversi, u bil-ħeffa kollha ried li aħna wkoll ikollna sehem fihom, bil-qawwa tal-fidi nistgħu ntennu: *"Tal-biża' Alla fil-qaddisin tiegħu"* (Salm 67:36). Iva, tassew, kull ħlejqa għandha n-natura tagħha kif riedha l-Awtur tal-ħolqien, imma dwar din li semmejna nistgħu ntennu dak li darba stqarr l-awtur sagru: *"Alla l-Għoli biddel għemil lemintu"* (Salm 77:11).

Li kieku kelli nikteb sewwa jew inxandar bil-qawwa tal-kelma, dwar il-forma, is-sura u t-tbatija li mhux ta' min jissaportiha ta' kull wieħed mit-turmenti kollha li ngħata fil-pubbliku jew fil-ħabs is-suldat ġeneruż ta' Kristu, hu veru li la l-ħin u, aktar u aktar, lanqas l-istess kliem ma kienu jkunu biżżejjed, minħabba l-inkapaċità tiegħi biex nagħmel dan. L-istess, meta niġi biex nitkellem fuq il-guffaġni u l-kefrija ta' dawk li kienu qed jaħqruh, u fuq il-mezzi bil-wisq krudili wżati miegħu, kif ukoll, min-naħa l-oħra, fuq is-sabar u l-qawwa tar-ruħ li wera l-atleta tagħna Ġorġi waqt it-turmenti, jiġi f'moħħi li fih kien qed iseħħ kuljum dak li qal l-Appostlu Pawlu: *"Dejjem f'xifer il-mewt għad li aħna ħajjin"* (2 Kor 6:9). Kien jgħaddi l-jiem u l-iljieli kollha f'taqbida ta' talb li bih kien idur lejn *"dak li seta' jsalvah mill-mewt"* (Lhud 5:7), kif ukoll f'radd il-ħajr għall-għajnuna li ngħatatlu, u għal dawk li kienu jqimu 'l allat, bis-sinjal tas-salib kien jitlob il-waqgħa f'daqqa u l-konverżjoni niedma mid-demonji tagħhom, billi jistqarru bil-miftuħ li huma fil-bluha tagħhom ma kinux se jqimu aktar 'l-allat tagħhom.

Imbagħad, ta' min iqis id-diffikultajiet u l-oppożizzjoni li kien hemm, li fihom infushom kienu joffru l-aqwa traġedja. Ta' min isemmi wkoll id-dehriet u l-kollokji spiritwali li lejl u nhar kienu jsiru lill-qaddis martri biex isaħħu s-sabar tiegħu: jew, biex infisser ruħi aħjar kif darba għamel David, l-għajnuniet, il-faraġ, il-fejqan li minnhom ħareġ il-mistrieħ u ntesew għalkollox it-tbatijiet ta' qabel; u jekk x'uħud kienu jerġgħu jeħduha kontrih, b'qalb qawwija u soda, kien jirreżistilhom qisu kellu ruħ u ġisem tal-azzar.



U jekk xi ħadd jixtieq ikun jaf aktar dwar dak kollu li għadda minnu r-raġel qaddis Ġorġi, għandu jaqra l-atti tal-martirju tiegħu u jkun tassew sodisfatt. Minn hemm ikun jista' jifhem u jibqa' mgħaġġeb bir-rebħa kbira li għamel fit-taqbid li għaddiet minnu r-ruħ kbira tal-magħruf ġellied, ir-rebħa bil-wisq ġusta, il-ħlas mistħoqq tal-premju evidenti: mill-istess storja wieħed jista' jifhem b'mod ċar u jintlaqat b'mod tal-għaġeb mill-mod kif dawk li kienu mgħarrqa fix-xewqat tassew ħżiena tagħhom, inqerdu fix-xejn. Iżda Ġorġi bl-istqarrija sempliċi tal-verità rnexxielu jġib fix-xejn u jaqleb ta' taħt fuq il-ħidmiet qarrieqa tagħhom u fl-istess ħin irnexxielu jikxef għalkollox l-insidji moħbija tagħhom

bil-qawwa tal-imġiba soda u sublimi tiegħu. Imbagħad, meta rnexxielu jirbaħ għalkollox bil-qawwa tas-sabar tiegħu t-turmenti kollha, wasal biex itemm il-ġirja tiegħu, imsammar mal-qorq tal-ġustizzja, meta fl-aħħar bid-daqqa tax-xabla, bla ma ċċaqlaq mir-rieda soda tiegħu, bil-mewt tal-ġisem, intrebħet għalkollox kull possibbiltà tal-mewt ta' ruħu. Rebbieħ bit-tixrid ta' demmu, tlibbes il-kuruna tal-glorja, u bil-ferħ kollu għolla lil Dak li wasslu għar-rebħa l-għanja tar-rebħa, billi kanta: *"Imbierek il-Mulej, li ma telaqniex priża għal snienhom"* (Salm 123:6).

Lil min irid tassew jifli sewwa u fid-dettall din l-istorja, ngħidlu li għandu jkun jaf biċ-ċar li l-martri Ġorġi mhux biss tqabad għalih innifsu, imma wkoll sieħeb miegħu fis-salvazzjoni lil ħafna oħrajn. Tassew, kienu ħafna dawk li hu kien l-awtur tal-wasla tagħhom biex jaqbdu t-triq tat-taqbida u biex offrew lilhom infushom 'l Alla bit-tixrid ta' demmhom. Ftakar f'Anatolju u Protoljun, mexxejja tal-eżerċti, li meta raw il-mirakli li sieħbu t-taqbida ta' Ġorġi, baqgħu mistagħġba u fittxew li jimitawh fil-qawwa tal-martirju tiegħu. L-istess, il-magħruf Gliċerju, li minħabba l-miraklu li sar mal-baqra tiegħu, ċaħad kull rabta bla sens mal-idoli u warrab il-qima superstizzjuża tagħhom. Dawn kollha, biex ngħid hekk, meħlusin għalkollox minn dwiefer id-dragun, Ġorġi mar joffrihom lill-Mulej tiegħu, bħala vittma perfetta u milqugħa.

Barra dan, ta' min isemmi wkoll, fuq kollox, dawk il-ħafna mirakli tal-għaġeb li xterdu ma' kullimkien mill-ħniena ta' Alla bħal xita ta' silġ abbundanti, fuq l-Insara li talbu l-interċessjoni tal-qaddis martri. Insemmu wkoll dawk il-grazzji li ntalbu mill-istess għedewwa b'qalb nieqsa mill-fidi, u li, għat-talb tal-martri twettqu bil-fatti, kif ġara meta qajjem mill-qabar lil wieħed mejjet u lil dawk li talbuh uriehom biċ-ċar il-bluha tagħhom u, aktar bil-miftuħ saħħaħ l-għarfien tal-verità tal-fidi, tant li dawk li talbu din il-grazzja setgħu jarawha b'mod tassew evidenti. Tassew li ma laqgħux bil-fidi ta' miraklu lil dik il-ġrajja, jew inkella attribwewha lis-sħaħar vojta u, għal darb'oħra, waqgħu fl-iżball. U billi kienu nqdew bit-turmenti kollha possibbli li ġew mirbuħa bis-sabar tal-Martri, quddiem is-sinjali li skont huma ħadd ma seta' jasal biex jagħmel, bħalma kienu jagħmlu l-Lhud, ħarbu miċ-ċans li jistaqsu. Imbagħad, l-istess mistħija li ħammritilhom wiċċhom għabet u ġara li dawk il-mirakli kienu tal-akbar siwi għal ħafna, għax waslu biex jagħrfu 'l Alla ta' Ġorġi.

Il-bqija la setgħu jeħduha kontra l-għeġubijiet kbar li saru mill-Martri u lanqas riedu jinqatgħu mis-superstizzjonijiet tagħhom: kienu qishom għomja, qalbhom simnet, widnejhom u għajnejhom ġralhom kif kien semma Iżaija (ara 6:10), baqgħu marbutin għalkollox mal-iżbalji ta' missirijiethom u mhux ħlief kienu jaħsbuha kontra s-sewwa billi jafdaw fil-maġija tagħhom. Għalhekk, ressqu fin-nofs lil ċertu Atanasju, magħruf sewwa għall-arti maġika tiegħu, u ħasbu li kien se jagħmel xi għeġubijiet akbar minn dawk li darba Mosè kien għamel fl-Eġittu (ara Eż 7-8). Iżda lanqas f'dan il-post il-qerq tal-arti maġika li ħadmet fosthom għal snin twal ma kellha qawwa: il-gideb intrebaħ u l-verità ħarġet rebbieħa u deher aktar ċar minn dakinhar ta' Mosè s-siwi tal-preżenza tas-saħħar. Fil-fatt, meta huma għarfu l-id ta' Alla li kienet tirbaħ fuq l-arti maġika tagħhom, minnufih stqarrew biċ-ċar kif kienu qed jaħsbuha. U billi Atanasju għaraf u ħaddan il-fidi fil-mirakli ta' Ġorġi, sofra hu wkoll il-mewt bil-qtugħ ir-ras u b'hekk laqa' l-wirt immortali xieraq lill-isem tiegħu.

Irrid inkompli nitkellem dwar kull persuna li s-suldat ta' Kristu rnexxielu jwassal għall-istess taqbida tiegħu, u fosthom insemmi lill-Imperatriċi Alessandra li lilha hu qanqal biex turi l-istess qawwa li wera Mosè meta *"deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu"* (Lhud 11:26). Imbagħad, mill-ewwel ingħatat il-mewt bix-xabla għax baqgħet sħiħa fl-għażla tagħha għall-kawża ta' Kristu, u b'hekk irnexxielha tibdel is-saltna dinjija u li tintemm ma' dik smewwija u dejjiema.

O qerq tax-xitan li qatt mhu sodisfatt! O grazzja ta' Kristu Alla li qatt ma tistrieħ! Fejn huma dawk li bla mistħija ta' xejn iqarrqu bi kliemhom billi jtennu li l-għadu tagħhom ix-xitan jagħraf il-ġejjieni? Hekkhu, bl-istess ħidmiet ta' jdejhom inkixef u ma ndunax x'kien se jiġri, u minn dawk l-għemejjel li bihom deherlu li se jirbaħ, bihom stess inqabad fil-ħażen tiegħu. Għax minn dawk stess li kien meqjum, deher biċ-ċar kemm kien taċ-ċajt. Filwaqt li fittex li joqtol persuni oħra, hu stess irċieva d-daqqa tal-mewt. U dan kollu ġara meta f'dawk il-bnedmin li dehru għerja u bla armi, l-istess slaten u l-eżerċtu kollu ħaddmu b'qalb tassew kiefra dawk it-turmenti kollha. U l-istess slaten tagħhom li qabel kienu mdawrin b'għadd ta' trofej kbar u wara sabu ruħhom ħakkiema tal-imperu, waslu biex ġew imxejna fl-istess rebħiet tagħhom.

Iżda Ġorġi, is-suldat għaqli ta' Kristu, meta darba għal dejjem rebaħ lill-għadu ta' kulħadd, kompla jwettaq dik ir-rebħa li għamel fuqu, billi jkeċċi mill-miġemgħa tal-bnedmin bl-arma tas-Salib il-ħafna demonji, u lil dawk li kienu taħt il-ħakma tagħhom iwassalhom għall-ħelsien veru. Liema rebħa hi aktar tal-għaġeb minn din? Liema hi aktar glorjuża minn dawn it-trijonfi? Liema hi ta' sebħ akbar minn dawn il-kuruni?

Din kienet ir-raġuni u t-triq tal-Mexxej għaqli meta ħadha bil-qawwa kollha kontra l-għadu. L-elemożini tiegħu saru tassew ta' difiża qawwija kbira, meta biegħ kulma kellu u qassam kollox lill-foqra. Dawn kienu l-profitti tar-rebħa ta' min tqabad bil-kbir, dawn it-trofej tas-suldat rebbieħ tagħna. Dan li ċaħad għall-ħajja fl-istess ġisem, rebaħ lil dak li hu espert f'dak li hu tal-ġisem meta dan għamel minn kollox biex ifixkel lil ġismu bil-ħsieb li jeqridlu l-ispirtu tiegħu. U meta rnexxielu jħallih ma jafx x'jaqbad jagħmel dwar l-istess priża tiegħu, il-martri tagħna rnexxielu jaħtaf minn idejn l-għadu lil dawk li qabel kienu lsiera tiegħu. Iva, tassew, hekk għamel dak li fih għandu jgħammar għalkollox l-Imgħallem Kristu jew (biex inkun aktar ċar) dak li kollu kemm hu kien qed jieħu n-nifs ta' ħajtu mill-Imgħallem tiegħu u mhux akbar minnu nnifsu, imma f'dak li għalih bata l-mewt u rxoxta u li bl-eżempju tiegħu għallimna nibżgħu minn dawk li joqtlu l-ġisem. Ma kienx aktar imdejjen ma' ġismu, imma mar-rieda divina. X'għadni kemm għidt, ma' ġismu? Lanqas ma' ruħu stess ma kien imdejjen! Ladarba kien id-dixxiplu ta' Kristu, ċaħad ukoll lill-istess spirtu tiegħu, u filwaqt li refa' salibu, ħieles minn kull ħsieb ieħor, twaħħad mal-Imgħallem tiegħu. Bir-raġun kollu, mela, kien jinsa għalkollox it-turmenti l-imgħoddija u b'qalb kuraġġjuża kien jimxi 'l quddiem lejn dawk li kien hemm lesti għalih. Kien iqis mhux minn xiex għadda, imma dak li kien għad irid jgħaddi minnu. It-turmenti kienu jgħaddu, imma l-kuruni kienu jibqgħu; qatt ma kien jintemm il-kuraġġ dejjem għal-lest tal-Martri. Min kien jivvinta l-ħażin, dejjem kien joħroġ b'xi ħaġa ġdida, imma l-atleta ta' Kristu, Ġorġi, kien dejjem jixxennaq għal kuruni akbar, kien jistenna okkażjonijiet ta' taqbid aqwa mid-demonju li jivvintahom.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*



# KWAŻI JINTEMM IX-XOGĦOL TA' RESTAWR

Andrew Formosa



Wara li s-sena l-oħra ntemm ix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni tal-koppla minn barra u minn ġewwa, fl-aħħar sena l-Parroċċa ta' San Ġorġ daħlet għal wieħed mill-aktar proġetti strutturali ambizzjużi imma meħtieġa fuq il-Bażilika tagħha: ir-restawr tal-faċċata artistika tagħha, ġawhra arkitettonika li tmur lura għas-seklu tmintax, u li kemm ilha wieqfa qatt ma għaddiet minn proċess ta' restawr.

Fis-16 ta' Ottubru 2020 beda x-xogħol billi ttella' l-armar li għatta l-faċċata u l-kampnari kollha. L-armar kien ikopri sa fuq nett tal-kampnari u jgħatti wkoll l-istatwi tal-Kunċizzjoni u ta' San Ġużepp fuq il-faċċati tan-navi.

Il-proġett sħiħ kien jinvolvi r-restawr tal-faċċata u tal-kampnar. Numru ta' ġebel kien iddeterjora mażżmien u ma kienx baqa' triq oħra ħlief li jinbidel. Dan it-tibdil sar wara konsultazzjoni mal-periti ħalli jiġu mħarsa r-regoli ta' konservazzjoni. Kull ġebla li tbiddlet kienet fil-fatt spezzjonata mill-perit. Ta' min isemmi li ċertu lavur ta' ġebel kien jirrikjedi paċenzja u attenzjoni biex tiżżarma l-ġebla, tinħadem oħra ġdida u titpoġġa f'postha mingħajr detriment għall-istruttura. F'xi każi ta' ġebel li kien iddeterjora, ġie maqbul li minflok tinbidel il-ġebla kollha, isir trattament kimiku biex titwaqqaf id-deterjorazzjoni kif ukoll tissaħħaħ il-ġebla. Sar xogħol li kien jinvolvi t-tneħħija ta' ħmieġ u depożiti li akkumulaw mal-faċċata. Sar ukoll xogħol ta' tkaħħil u mili ta' fili biex ix-xogħol jiġi integrat. Dan kollu sar permezz ta' impakki u *plastic repair* biex jiġu osservati l-metodi ta' restawr. Ix-xogħol kollu sar bl-approvazzjoni tal-entitajiet kompetenti u taħt l-osservazzjoni tal-periti mqabbdin mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, skont l-aħjar prattiċi ta' konservazzjoni.

L-aktar parti ta' restawr li swiet uġigħ ta' ras kienet il-kampnar tal-punent, jiġifieri dak tal-qanpiena l-kbira. Qabel ma tqiegħed l-armar, kien diġà ħareġ ċar li diversi ħsarat kienu kkonċentrati fuq din il-parti tal-istruttura tal-faċċata. Hekk kif dan intrama u seta' jiġi osservat aktar mill-qrib il-kampnar, ħareġ ċar li kien hemm xi ċaqliq fil-parti ta' fuq tal-istruttura. Wara li saret analiżi fid-dettall ta' dak li



li tqabbad l-artist John Grima, ġie deċiż li jsiru żewġ arloġġi tal-irħam abjad u b'minutieri tal-bronż li ma jurux il-ħin li s-soltu kulħadd imdorri jara, imma jiżviluppaw kunċett ogħla ta' ispirazzjoni teoloġika marbut ma' Kristu bħala l-Milja taż-Żmien. L-arloġġ tal-lvant hu statiku, waqt li dak tal-punent juri s-siegħa, u miegħu saret ukoll l-installazzjoni ta' martell elettroniku li jindaqq kull siegħa b'tokki mar-raba' qanpiena (il-Fonza). L-arloġġi l-ġodda twaħħlu fis-7 ta' Lulju 2021.

Max-xogħol tar-restawr tal-faċċata, sar xogħol ieħor addizzjonali li kien jinkludi r-restawr tal-qniepen tal-Bażilika – xogħol il-Funderija Barigozzi ta' Milan fl-1925 – kif ukoll xogħol fuq l-ilsna tagħhom. Ġiet installata wkoll sistema ġdida kontra s-sajjetti.

Nhar it-22 ta' Ġunju 2021 beda jiżżarma l-armar tal-kampnar tal-lvant u bil-mod tkompla aktar żarmar tal-armar tal-kampnar tal-punent kif ukoll tas-saffi mal-faċċata, biex issa din kważi nkixfet lura għalkollox u tista' titgawda fil-ġmiel u l-glorja oriġinali tagħha. Hekk kif jitlesta l-proġett kollu tar-restawr, mistennija tibda fażi oħra, dik tal-installazzjoni ta' illuminazzjoni professjonali ġdida li tixraq lix-xogħol kollu ta' restawr li sar.

Il-proġett kollu ta' restawr sar b'finanzjament qawwi mill-Ministeru għal Għawdex. L-illuminazzjoni tal-faċċata ser tkun qed issir ukoll b'finanzjament tal-istess Ministeru.

Ix-xogħol tar-restawr fuq il-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ sar wara sejħa pubblika fejn intgħażlet il-kumpanija *Recoop – The Restoration and Conservation Coop Ltd.* Il-Bażilika ta' San Ġorġ trodd ħajr lil: Paul Muscat, Direttur Maniġerjali, u lil Ian Schembri, li kienu l-persuni inkarigati mix-xogħol ta' restawr; Salvu Micallef, il-Perit residenti tal-Parroċċa, kif ukoll lill-Perita Ivana Farrugia; George Galea, il-Quantity Surveyor; John Cremona, li għen fix-xogħol ta' tendering; u lill-kumpanija *C. Schembri Watchmakers* tal-Belt Victoria li ħadet ħsieb l-installazzjoni tal-arloġġi u l-martell tal-arloġġ. Ħajr speċjali jmur fuq kollox lill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat Eko Għawdex għall-finanzjament tax-xogħol ta' restawr.

hemm fin-naħa ta' ġew tal-istruttura, ġie deċiż li tinħatt il-parti ta' fuq tal-kampnar sal-kapitelli. Dan seta' jsir billi saru l-applikazzjonijiet mal-awtoritajiet konċernati u, wara li ħareġ il-permess, inbeda x-xogħol. Kull ġebla li żżarmat ġiet innumerata biex ikun aktar faċli l-proċess tal-armar mill-ġdid tal-kampnar. Malli żżarmat il-parti ta' fuq tiegħu, deher evidenti ċinturin tal-ħadid li kien idur dawra sħiħa mal-kampnar u kien impoġġi fuq il-kapitelli. Dan hu maħsub li sar biex jagħti aktar saħħa u stabbiltà lill-kampnar. Kienet evidenti wkoll il-ħsara kkawżata minn dan iċ-ċinturin. Maż-żmien, speċjalment bl-infiltrazzjoni tal-ilma, iċ-ċinturin tal-ħadid beda jissaddad, b'waħda mill-konsegwenzi tkun li beda jespandi. B'riżultat ta' dan, il-ġebel ta' madwar il-kampnar beda jinqasam, b'konsegwenzi għall-estetika li setgħu jkunu wkoll strutturali. Ġie deċiż li ċ-ċinturin jitneħħa u minfloku jsir ieħor tal-i*stainless steel* biex ma ssir l-ebda ħsara lill-istruttura. Tpoġġa wkoll materjal li jgħin jassorbi d-daqqiet tal-ilsien tal-qanpiena ħalli titnaqqas il-vibrazzjoni lill-istruttura tal-kampnar. Wara li tlesta x-xogħol kollu relatat mat-tqegħid taċ-ċinturin il-ġdid, reġa' beda jintrama l-kampnar. Dan sar billi ntuża ġebel li diġà kien jagħmel parti minnu, flimkien ma' addizzjoni ta' ġebel ġdid fejn il-ġebel kien iddeterjora.

Intant, kien ilu jinħass il-bżonn li jimtela l-ispazju vojt taċ-ċrieki (tal-arloġġi) li jinstabu fil-faċċata. Wara

*Ritratti: Andrea Camilleri*

IL-FAĊĊATA: FTIT ĦJIEL TA' STORJA

Il-Knisja parrokkjali attwali ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria nbniet fl-1678, l-ewwel waħda f'Għawdex f'għamla ta' salib Latin. Wara ħsarat li ġarrbet minn diversi terremoti fis-seklu sbatax, il-faċċata tagħha nbniet mill-ġdid u b'żewġ kampnari bejn l-1816 u l-1818 fuq disinn tal-Kan. Salvatore Bondì, waqt li x-xogħol tal-lavur arkitettoniku tagħha nħadem mill-iskulturi Sigismondo u ibnu Ferdinando Dimech, kif turi l-firma tagħhom imnaqqxa fil-ġenb tal-istess faċċata. Il-faċċata hija waħda mill-ifjen eżempji tal-idjoma Barokka u Neo-Klassika fis-snin bikrin tas-seklu dsatax. Fuq il-bieb prinċipali tagħha hemm imnaqqxa fil-ġebla l-istemma tal-Isqof ta' Malta u Għawdex Ferdinando Mattei, li fi żmienu sar ix-xogħol tal-bini tagħha. Fl-1995, il-kampnar tal-lvant inħatt u reġa' nbena mill-ġdid. Jingħad li l-ġebel tal-bażi tal-faċċata jmur lura ħafna iżjed fiż-żmien, u aktarx hu tal-epoka Rumana.

Fis-snin tletin żdiedu wkoll magħha ż-żewġ navi tal-ġnub bbil-faċċati rispettivi tagħhom, li fuqhom għandhom l-istemmi tal-Isqof Mikiel Gonzi u tal-Arċipriet Alfons Maria Hili, kif ukoll żewġ niċeċ bix-xbihat tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp. Fl-2004 ġie mbierek ukoll Bieb tal-Bronż li nħadem fuq disinn ta' John Grima.

PROĠETTI



# IL-MILJA TAŻ-ŻMIEN

## PROĠETT ARTISTIKU FUQ IL-FAĊĊATA TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

**Il-faċċata**

Il-faċċata Barokka u Neoklassika tal-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, Għawdex, ġiet iddisinjata bi spazju għal żewġ arloġġi. Normalment wieħed minn dawn ikun xi tip ta' arloġġ tax-xemx jew inkella arloġġ finta u l-ieħor juri l-ħin attwali. Sal-lum dawn iż-żewġ ċrieki dekorattivi kienu għadhom vojta: fil-fatt ebda arloġġ ma tqiegħed għax in-nies dejjem inqdiet bl-arloġġ taċ-Ċittadella biex tkun taf x'ħin sar, ladarba dan jidher u jinstema' mill-qrib. Dan ifisser li l-faċċata f'ċertu sens baqgħet mhux kompluta.

**Il-kunċett**

Illum il-ġurnata n-nies ma teħtieġx xi arloġġ ieħor biex jiggwidaha fil-ħajja mgħaġġla u l-iskadenzi tagħha. Arloġġi għandna kemm irridu u nistgħu ninqdew b'kemm aċċessorji rridu biex jagħtuna l-ħin u li llum insibuhom kullimkien.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, f'kollaborazzjoni stretta mal-artist Għawdxi ta' fama internazzjonali John Grima, żviluppat kunċett ta' kif jinstab użu ġdid għal dawn l-ispazji permezz ta' xogħol ta' arti simbolika li jirrispetta l-pjan oriġinali għal arloġġi li juru l-ħin, imma fl-istess waqt jintroduċi mod ġdid ta' kif wieħed jifhem x'inhu l-"veru" żmien u jgħix ħajtu mingħajr limiti u fil-milja tagħha.

**Iż-żmien**

Imdorrijin naraw arloġġi tal-knejjes juruna l-ħin għaddej. Imma l-fidi Nisranija tagħna tħares lejn iż-żmien kronoloġiku (*chronos*), jiġifieri ż-żmien li fih il-bniedem jaġixxi, b'mod differenti miż-żmien li fiha jaġixxi Alla (*kairos*). Fil-fatt, Ġesù nnifsu jagħmel distinzjoni ċara bejn iż-żmien "tiegħu" (il-waqt it-tajjeb) u ż-żmien ta' "ħutu" (riżorsa li titqies b'sekondi, minuti, u l-bqija): *"Għalija għadu ma wasalx iż-żmien, imma ż-żmien tagħkom dejjem f'idejkom"* (Ġw 7:6).

Aktar minn hekk, kull għemil kronoloġiku tagħna jeħtieġ narawh fid-dawl tal-att etern ta' mħabba ta' Alla, li fl-aħħar mill-aħħar hu dak li għalih aħna lkoll iddestinati. Dak ikun il-*kairos* ideali, iż-żmien perfett meta nidħlu fil-preżenza tal-





Missier etern hawn fid-dinja, u meta eventwalment għad insiru darba għal dejjem ħaġa waħda miegħu u bih f'Ibnu, Ġesù Kristu, fl-aħħar taż-żminijiet.

Għalhekk, l-istess kif ilkoll ġejna maħluqa minn Alla l-ħaj, li wera lilu nnifsu f'Ġesù Kristu, fl-aħħar kull persuna ta' rieda tajba fih ukoll għad issib il-milja tagħha. Hekk, Ġesù Kristu, li mhux biss hu l-Iben ta' Alla imma hu Alla nnifsu, hu meqjus bħala l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem ta' ħajjitna.

**Id-disinn**

Int u tħares lejn il-faċċata, l-ispazju ċirkulari fuq ix-xellug hu magħmul minn żewġ partijiet: il-parti bajda ta' ġewwa bl-ittra Alfa fiċ-ċentru tagħha u werrej fiss, u dawra b'xifer irrigat fuq barra. Din trid turi twemmin importanti ħafna tal-fidi Nisranija: li mill-imħabba waħdanija ta' Alla għall-bniedem, permezz tal-Inkarnazzjoni storika ta' Ġesù Kristu (l-Alfa) fiż-żmien it-"tajjeb", il-*kairos* ta' Alla (il-werrej) nifed il-*chronos* tal-bniedem (id-dawra ta' barra, bil-linji li jfissru d-diversi toroq ta' ħajtu) biex jagħmlu parti min-natura u l-glorja eterna ta' Alla (l-ispazju bajdani ta' fuq ġewwa li eventwalment jinfed u jsir parti mill-istess ħajja tagħna). Iktar ma l-werrej jimxi 'l quddiem, il-ħolqien (id-dawra ta' barra) bil-mod il-mod jagħmel wisa' għall-eternità (il-parti bajdanija ta' ġewwa) billi jsir parti minnha, kif jidher ċar fit-tieni ċirku.

Ladarba huwa hekk, iċ-ċirku tal-lemin, in-naħa l-oħra tal-faċċata, se jkollu werrej li jimmarka s-sigħat u li l-ħin kollu jdur, biex hekk jgħin lil dawk li jħarsu lejh jifhmu l-importanza ta' dan il-prinċipju Nisrani u jħeġġiġhom jaġixxu meta għadhom fil-ħin. L-Omega fiċ-ċentru tinsab hemm biex tkompli tfakkarna li fil-"proċess tas-salvazzjoni", imlaħħam b'mod brillanti fil-bieb tal-bronż tal-Bażilika, huwa għal darb'oħra Ġesù Kristu li se jġib l-istorja fi tmiemha bit-tieni miġja tiegħu.

Fi ftit kliem, allura, dan il-proġett artistiku ta' żewġ arloġġi, waqt li jrid jinftiehem fil-kuntest usa' tal-arkitettura imponenti u l-arti reliġjuża eklettika tal-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ, għandu l-għan ewlieni li jistqarr b'mod qawwi din il-verità fundamentali tal-fidi Nisranija tagħna: li l-istorja tibda bi Kristu (l-arloġġ tax-xellug), li hu preżenti fil-medda sħiħa tagħha bħala l-Feddej waħdieni tagħna (il-bieb tal-bronż), u se tilħaq il-milja sħiħa tagħha fi Kristu (l-arloġġ tal-lemin).

**Il-materjal**

Ċrieki: irħam abjad
Linji: qatgħat fondi biex joħolqu dellijiet ċari fuq sfond ta' ġebla griża skura
Werrejja: bronż
Alfa/Omega: deheb indurat intarzjat

**Interazzjoni**

Fl-aħħar mill-aħħar, dan ix-xogħol ta' arti għandu jħeġġeġ lin-nies biex jistaqsu dwar it-tifsira taż-żmien ta' ħajjithom. Huma u jħarsu lejn il-werrej tal-lemin idur mal-arloġġ, għax ma jkunux jafu l-ħin preċiż, iridu jaslu biex iħarsu lil hemm mill-iskadenzi ta' din l-art, biex iħarsu lejn l-għan aħħari u l-aktar mixtieq tas-salvazzjoni, fil-*milja taż-żmien*.



MILL-ARKIVJU



# IL-LAQMIJIET FIR-RABAT FL-1902 (1)

Toni Farrugia

Fost ir-reġistri li għandna fl-arkivju hemm dawk tal-i*Status Animarum*, terminu li litteralment ifisser 'l-istat tal-erwieħ'. Dan ir-reġistru kien speċi ta' ċensiment tal-parroċċa u fih hemm irreġistrat kull membru ta' kull familja f'kull triq tal-parroċċa. L-iskop oriġinali ta' dan ir-reġistru kien sabiex jinżamm rendikont jekk kull membru tal-parroċċa tqarbinx fl-Għid sabiex jinżamm il-preċett tal-Knisja li kull Kattoliku għandu jitqarben tal-inqas darba fis-sena.

Reġistri tal-i*Status Animarum* għandna għas-snin 1918, 1928, 1942 u 1960 li huma ddettaljati ħafna u fihom anki d-data tal-Magħmudija ta' kull membru tal-familja. L-ewwel tliet reġistri għandhom ukoll il-laqam tal-familja. Barra minn dawn għandna Direttorju tal-Komunità Parrokkjali li sar fl-1976, meta kull familja ntalbet tiddikjara jekk tridx li tagħmel parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ jew tal-Katidral. Dan id-direttorju jispeċifika biss membru wieħed minn kull familja f'kull triq. Fl-2006 kien sar ċensiment komplet tal-parroċċa u fl-2018 sar direttorju aġġornat.

Barra minn dawn għandna kopja diġitali tal-i*Status Animarum* tal-1902 li jinżamm fl-Arkivju Veskovili. Dan ir-reġistru jkopri ż-żewġ parroċċi tar-Rabat u għalhekk għandna stampa sħiħa tal-belt kollha. Għalkemm ma fihx id-data tat-twelid ta' kull membru tal-familja, fih il-laqam ta' kull familja u ħsibt illi nippubblikahom bħala parti minn din is-sensiela ta' artikli tiegħi.

Ta' min jgħid illi t-territorju tar-Rabat kien jinkorpora wkoll lill-Parroċċi tal-Fontana u tal-Għasri (peress li kienu għadhom ma twaqqfux bħala parroċċi separati), u Triq il-Ħamrija fix-Xewkija (sal-mitħna).

Il-kalligrafija hi ċara ħafna, imma peress li l-grammatika tal-Malti kienet għadha ma kinitx stabbilita, il-Malti ta' dawk iż-żminijiet kien jinkiteb bl-ortografija Taljana (eżempji: il-*k* kienet tinkiteb *ch*; il-*ġ* kienet tinkiteb *gi*; u ċ-*ċ* kienet tinkiteb *ci*). Nagħti eżempju wieħed biss ta' kemm jidher stramb il-Malti miktub bl-ortografija Taljana: 'Iċ-Ċajċu', il-laqam tal-bużnannu tiegħi Michele Angelo Cini, huwa rreġistrat bħala 'Icciaiciu'. Kultant kien diffiċli biex niddeċiedi eżatt x'kien il-laqam, u kien hemm fejn kelli ninterpreta l-laqam kif l-aktar jagħmel sens, u għalhekk mhux dejjem kont fidil għalkollox għat-test oriġinali. Kien hemm każijiet ukoll fejn irranġajt il-laqam ħalli jinstema' aħjar. Ir-reġistru tlesta fis-16 ta' Awwissu tal-istess sena.

Il-familji tal-klassi l-għolja ma kellhomx laqam. B'kollox hemm ftit aktar minn 700 laqam u hemm tiżwiqa sħiħa – dawk li jindikaw il-mestier ('Il-Ħaddied' 'Il-Librar', 'Il-Kok tal-Isptar' u oħrajn), karattru partikolari ('Tal-Misħut', 'Tal-Wott'), xi karatteristika ('Tas-Sabiħ', 'Ta' Butwila'), strument ('Tal-Vjolin'), kulur ('Tal-Aħmar') u oħrajn li l-Bambin biss jaf x'inhu l-oriġni tagħhom. Laqam li laqatni b'mod partikolari huwa 'Ta' Fixkell is-Siġġu'. Minn dan ir-reġistru nistgħu naraw kif ċerti laqmijiet għaddew mingħand familja għall-oħra (il-laqam 'Tas-Sajku' oriġinarjament kien jappartieni lill-Familja Sacco, filwaqt li l-laqam 'Is-Sakku' oriġinarjament kien jappartieni lill-Familja Farrugia) jew kif evolvew (il-laqam 'Ta' Komu' oriġinarjament kien 'Ta' Kħamu', filwaqt li l-laqam 'Ta' Frellillu' oriġinarjament kien 'Ta' Fra Lillu').

Ir-reġistru jitfa' anki xaqq dawl fuq il-qagħda soċjali ta' dak iż-żmien. 37 individwu jew individwa huma rreġistrati bħala seftur jew seftura, fosthom ċerta Dolora Zammit, tifla ta' 14-il sena li kienet seftura mal-Familja Casolani, residenti fi Strada Corsa (illum Triq ir-Repubblika). Is-sefturi kienu jitħallsu biċ-ċiċri għal sigħat twal ta' xogħol. L-impjieg ta' sefturi waqaf wara l-1975 meta bl-Avviż Legali Nru 127 kienet stipulata l-paga minima li kellhom jitħallsu l-ħaddiema full-time u allura s-sefturi kellhom jitħallsu tal-anqas din il-paga.

Hemm ukoll 33 każ ta' miżżewġin separati (f'wieħed minnhom saħansitra hemm in-nota *"non coabitante con suo marito e con ragione"*). Dawn jgħoddu ftit aktar minn 4% tal-familji konjugali (jew nukleari) f'dan ir-reġistru. Il-figura aktarx li kienet tkun ogħla li ma kienx għall-fatt li f'dawk iż-żminijiet il-mara kienet dipendenti għalkollox fuq id-dħul tar-raġel – illum il-mara għandha d-dħul indipendenti tagħha minbarra li hemm ukoll għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk dawn l-affarijiet kienu jinżammu kemm jista' jkun misturin minħabba lsien in-nies – illum il-pendlu xaqleb għan-naħa l-oħra.

Il-lista tal-laqmijiet se tkun maqsuma f'diversi partijiet minħabba li hi twila mhux ħażin.



| LAQAM | FAMILJA |
|---|---|
| Tal-Abbatija | Galea |
| Ta' Abdilla | Abdilla |
| Tal-Aħmar | Spiteri |
| Ta' Albinu | Tabone |
| Ta' Andrea ta' Hili | Spiteri |
| Ta' Anġlu | Aquilina |
| Ta' Anġlu | Grech |
| Tal-Anġolin | Attard |
| Ta' Anna l-Furnara | Zammit |
| Ta' Anna Marì | Portelli |
| L-Arġentier | Cauchi |
| L-Arġolin | Attard |
| L-Arkitett | Attard |
| Tal-Arkitett | Portelli |
| L-Arloġġier | Cacciatolo |
| Ta' Audibert | Audibert |
| Awrelju | Refalo |
| Tal-Babu | Cardona |
| Ta' Badida | Galea |
| Il-Badiku | Farrugia |
| Tal-Baffier | Saliba |
| Il-Baħri | Scerri |
| Tal-Bajd | Grima |
| Tal-Bajd | Mercieca |
| Tal-Bajdi | Curmi |
| Ta' Baljanu | Galea |
| Tal-Balliju | Farrugia |
| Tal-Bambini | Diacono |
| Tal-Baqra | Spiteri |
| Ta' Barabba | Vella |
| Tal-Barba | Grima |

| LAQAM | FAMILJA |
|---|---|
| Tal-Barbier | Portelli |
| Il-Barbier Taljan | Russo |
| Tal-Bardun | Scicluna |
| Tal-Barkun | Micallef |
| Tal-Barkuna | Camilleri |
| Barnuża | Debrincat |
| Tal-Barun | Borg |
| Ta' Baskal ta' Ċokċok | Attard |
| Tal-Basli | Attard |
| Tal-Battarija | Pace |
| Tal-Bażulli | Camenzuli |
| Tal-Bażulli | Cordina |
| Tal-Bażwi | Buttigieg |
| Il-Bebiklu | Mercieca |
| Tal-Beċċuna | Abela |
| Tal-Beċċuna | Cordina |
| Tal-Beċċuna | Farrugia |
| Tal-Beċċuna | Stivala |
| Tal-Bedbud | Apap |
| Tal-Bedbud | Farrugia |
| Il-Beġiġ | Apap |
| Ta' Beġiġa | Cumbo |
| Tal-Bekk | Attard |
| Ta' Belien | Grima |
| Ta' Belien | Scicluna |
| Tal-Bellu | Buttigieg |
| Ta' Benedett | Camilleri |
| Ta' Benedett tal-Pisutt | Axiaq |
| Ta' Bernard | Attard |
| Bertoldu | Pace |
| Ta' Bertu | Camilleri |

| LAQAM | FAMILJA |
|---|---|
| Ta' Bertu | Falzon |
| Ta' Bezzina | Bezzina |
| Tal-Bħorot | Tabone |
| Il-Bibu | Attard |
| Tal-Bieri | Bajada |
| Ta' Bilon | Farrugia |
| Tal-Biskuttina | Zammit |
| Tal-Biskuttelli | Fenech |
| Tal-Biskuttina | Mercieca |
| Tal-Biskuttina | Zammit |
| Tal-Biżżul | Callus |
| Tal-Biżżul | Debrincat |
| Il-Blikka | Spiteri |
| Tal-Bobu | Cardona |
| Tal-Bomba | Portelli |
| Il-Bonis | Borg |
| Ta' Borg | Cachia |
| Ta' Borg | Cassar |
| Ta' Borġu | Vella |
| Tal-Brajba | Farrugia |
| Ta' Brenda | Casha |
| Ta' Briffa | Briffa |
| Ta' Briffa | Galea |
| Ta' Brunka | Camilleri |
| Ta' Brunka | Refalo |
| Brunu | Pace |
| Ta' Buferieħ | Buhagiar |
| Buffura | Sultana |
| Tal-Buġa | Mercieca |
| Tal-Bukkett | Mizzi |

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*

## Nota fuq it-twessigħ ta' Pjazza San Ġorġ

Toni Calleja, riċerkatur dwar l-istorja tal-Parroċċa tal-Għasri u ħabib tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, għaddieli din it-tagħrifa dwar it-twessigħ ta' Pjazza San Ġorġ li artiklu dwarha deher fil-ħarġa preċedenti ta' din ir-rivista.

"Nhar it-3 ta' Jannar 1954, meta kienet inawgurata l-koppla tal-Għasri, fir-Rabat kienet qed tkun iċċelebrata l-Festa ta' Ġesù Marija fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Kien hemm prassi bejn iż-żewġ baned tar-Rabat li bih kull sena kienu jalternaw bejniethom is-servizz tagħhom għal din il-festa. Fis-sena 1954 kien imiss lill-Banda La Stella li tieħu sehem fil-Purċissjoni ta' Ġesù Marija, imma l-banda għażlet li tilqa' l-istedina ta' Dun Karm Vella, il-Kappillan tal-Għasri, sabiex tieħu sehem fl-inawgurazzjoni tal-koppla. Dan għamlitu għal żewġ raġunijiet: waħda għaliex il-banda beżgħet li jekk ma jattendux, il-Kappillan Vella, li kien mill-Parroċċa tal-Għarb u li kien jissimpatizza mal-Banda Il Leone, kien juża dan in-nuqqas bħala skuża biex għall-Festa tal-Għasri jibda jġib il-Banda Il Leone minflok il-Banda La Stella. It-tieni raġuni kienet li għall-inawgurazzjoni kien mistieden il-Prim Ministru Dr Ġorġ Borg Olivier u l-Banda ma riditx tonqsu peress li riedet li titwessa' Pjazza San Ġorġ.



Intant, il-Banda Il Leone kienet offruta biex fis-sena 1954 iddoqq hi fil-Purċissjoni ta' Ġesù Marija. Il-banda ma laqgħetx din l-offerta jekk ma jibqgħux idoqqu kull sena, u fil-fatt f'dik is-sena l-purċissjoni saret mingħajr banda.

Dan l-inċident kien wieħed fost l-oħrajn li finalment wassal lill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace biex jabroga bid-digriet *Cum hodiernis temporibus* tal-1 ta' Awwissu 1955 l-unjoni bejn il-Matriċi u l-Parroċċa ta' San Ġorġ li kien ilha fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 1689".

KRONAKA



# MONS. MANWEL CURMI 60 SENA SAĊERDOT (1961-2021)

Mario Casha



L-Ordinazzjoni ta' Dun Manwel 60 sena ilu.

Nhar it-18 ta' Marzu 2021, Mons. Manwel Curmi, jew aħjar Dun Manwel kif inhu magħruf minn bosta, għalaq 60 sena saċerdot. Dun Manwel kien ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-Knisja Katidrali fis-sena 1961, flimkien ma' sitt saċerdoti oħra: Dun Giovanni Bosco Gauci mill-Belt Victoria, Dun Ġużepp Grech u Dun Karm Buttigieg min-Nadur, Dun Karm Xerri mill-Qala, u Dun Ġużepp Bajada, Dun Ġorġ Vella u Dun Ġwann Cini li bħal Dun Manwel kienu lkoll mir-raħal ċkejken tal-Fontana. Dun Manwel għamel il-Prima Messa tiegħu fil-Parroċċa ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, il-Fontana, nhar il-21 ta' Mejju 1961.

**Familja u tfulija**

Bin Toni u Maria, Manwel kien l-iżgħar fost ħames aħwa subien. Ħuh il-kbir kien Carmelo, segwit minn Ġorġ, Ġużeppi u Tumas, li kien ukoll saċerdot u Monsinjur fil-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex. Dun Manwel huwa l-uniku wieħed li għadu ħaj u tilef kemm lil ommu u kemm lil ħuh Ġorġ ta' età relattivament żgħira. Huwa twieled nhar il-15 ta' Jannar 1937 u fl-istess jum kien mgħammed fil-Parroċċa tal-Fontana mill-Kappillan Dun Ġużepp Hili.

Naturalment Dun Manwel kellu trobbija tipika ta' dawk iż-żminijiet fejn kollox kien iffukat fuq il-knisja u s-sempliċità tal-ħajja tas-snin 50 u 60. Dun Manwel studja fl-Iskola Primarja tal-Belt Victoria u fis-Seminarju Minuri, fejn wara beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri. Maria, omm Dun Manwel, mietet meta huwa kien għadu qed jistudja u għalhekk ma ratux isir saċerdot.

**L-ewwel ħidmiet pastorali**

Wara li laħaq saċerdot Dun Manwel serva għal ftit xhur fil-Parroċċa tal-Fontana meta kien hemm Kappillan Dun Nikol Cauchi, li wara sar l-Isqof ta' Għawdex. Imma l-Isqof Ġużeppi Pace ma damx ma sejjaħlu għal rwol ieħor, dak ta' Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, fejn dam iservi għal għaxar snin sħaħ. F'dan iż-żmien Dun Manwel kien Viċi tal-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai. Kien appuntu f'dan iż-żmien li Dun Manwel beda jibni relazzjoni mill-qrib ma' min kien batut jew kien għaddej minn xi problemi partikolari, fosthom problemi ta' mard, ta' relazzjonijiet jew inkella ta' droga jew vizzji oħra. Li l-problemi soċjali kienu ċentrali fil-ħidma saċerdotali ta' Dun Manwel joħroġ ukoll mill-omeliji li kien jagħmel fejn dejjem baqa' jiffoka fuq materji li kienu ħafna attwali għal dak iż-żmien. Lil Dun Manwel, minbarra għall-omeliji, kienu jfittxuh ħafna għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, fejn sakemm baqa' f'saħħtu baqa' jmur jagħti s-servizz f'ħafna parroċċi u knejjes f'Għawdex. Ta' min isemmi li wara li Dun Manwel spiċċa minn Viċi-Parroku San Ġorġ, baqa' xorta waħda jħossu parti mill-parroċċa, tant li s-servizz tiegħu ma qata' xejn għal aktar minn ħamsin sena. Kien iqaddes kuljum fil-Bażilika Ġorġjana, normalment il-quddiesa ta' 12.00pm, u dejjem kont issibu disponibbli għal xi ħin għal dawk li xtaqu jqerru għandu jew għal xi parir tar-ruħ.

**Mażż-żgħażagħ u l-Oratorju Don Bosco**

Fl-ewwel snin Dun Manwel ta sehmu wkoll fil-grupp taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, li s-sede tagħha kienet ħafna viċin il-Bażilika ta' San Ġorġ, fi sqaq fi Triq Sant'Indrija. F'dawk is-snin dan il-grupp kien iffrekwentat ħafna u kien attiv immens, speċjalment mażż-żgħażagħ tal-Belt Victoria. Fl-1972 l-Isqof il-ġdid, Mons. Nikol Ġ. Cauchi, talbu biex imur bħala Direttur tal-Oratorju Don Bosco fejn serva għal kważi għaxar snin oħra, sewwasew sal-1981. Fl-Oratorju, Dun Manwel kompla rawwam ir-relazzjonijiet li kellu mażż-żgħażagħ. F'dak iż-żmien l-Oratorju kien mekka ta' attivitajiet kulturali, post fejn jiltaqgħu l-familji bit-tfal, biċ-ċinema u ħafna sport. Kien jiġbor fih kważi ż-żgħażagħ mill-Belt Victoria kollha u serva ta' post edukattiv u formazzjoni għal ħafna nies. Fi żmien Dun Manwel kienet bdiet issir il-purċissjoni tal-Festa ta' Don Bosco fejn sar ftehim mażżewġ baned tal-Belt Victoria biex idoqqu sena kull waħda, liema ftehim għadu validu sal-lum.

Għalkemm Dun Manwel spiċċa mill-Oratorju fl-1981, huwa baqa' xorta waħda jagħti sehmu. L-Oratorju kien sar



Il-Ġublew Saċerdotali tad-Deheb iċċelebrat fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

parti minn ħajtu u huwa parti mill-Oratorju. Minbarra li spiss kien iqaddes u jagħti sostenn lid-Diretturi li ġew warajh, Dun Manwel kienet l-għaxqa tiegħu jmur jgħid kelma maż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dan iċ-Ċentru. Sakemm bdiet il-pandemija tal-Covid-19, huwa kien għadu jagħmel mezz li f'xi ħin jew ieħor jittawwal sal-foyer jew il-Kappella tal-Oratorju u jgħid kelma mal-ħbieb.

**Persuni bi bżonnijiet speċjali u l-Fondazzjoni Arka**

Sa mill-aħħar snin tas-sittinijiet Dun Manwel beda jinteressa ruħu fil-bżonnijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Dak iż-żmien ir-realtà kienet totalment differenti. Kien hu li beda attivitajiet, bl-għajnuna ta' ħafna voluntiera, u beda joħroġ lil dawn in-nies mid-djar tagħhom, xi wħud anki għall-ewwel darba. Matul is-snin Dun Manwel beda jirfina aktar fis-servizz li beda jagħti lil dawn in-nies u beda jixtri, permezz ta' Għaqda li kien ifforma fil-bidu tas-sebgħinijiet, numru ta' vannijiet apposta biex ikun jista' joħroġ lil dawn ħutna bl-aktar kumdità possibbli. Dun Manwel qatt ma qata' qalbu. Fl-1990 kien irnexxielu jorganizza charter bl-ajru għal Lourdes għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, familjari u numru ta' voluntiera li kienu jinkludu tobba u infermiera. Permezz tal-inizjattivi tiegħu huwa kien strumentali biex beda jaħdem il-kunċett ta' inklużjoni ta' dawn il-persuni fis-soċjetà. Il-preokkupazzjoni tal-ġenituri ta' dawn it-tfal għal meta huma ma jkunux jistgħu jibqgħu jieħdu ħsiebhom wasslitu biex iwaqqaf il-Fondazzjoni Arka fl-1999, ċentru li għadu jagħti servizz sal-ġurnata tal-lum. Din id-Dar f'Għajnsielem Dun Manwel irnexxielu jibniha permezz ta' għadd kbir ta' voluntiera u ta' benefatturi, kif ukoll tal-Knisja f'Għawdex u anki l-Istat.

**Servizz fil-komunità Għawdxija**

Isem Dun Manwel huwa sinonimu wkoll mal-Pulizija f'Għawdex fejn serva bħala Kappillan tad-distrett ta' Għawdex sa mill-1975, u mbagħad inħatar b'mod formali mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien fl-1996. Huwa baqa' jservi f'din il-kariga sal-2017. Għal xi żmien serva wkoll ta' supply priest barra minn Malta, speċjalment fil-Kanada, l-Amerika u l-Awstralja, u ħa sehem ma' gruppi li wettqu volontarjat fl-Albanija u l-Kenja.

Għal bosta snin Dun Manwel kien imur iżur il-morda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kull nhar ta' Ħadd, liema eżempju kien ta' ispirazzjoni għal ħafna saċerdoti oħra. Għal diversi snin Dun Manwel serva wkoll bħala Direttur għas-Servizzi Soċjali tad-Djoċesi li taħthom kienu jaqgħu d-diversi djar bħal Dar San Ġużepp f'Għajnielem, Dar Ġużeppa Debono u l-Little Flower Day Centre, li jagħtu għajnuna lill-familji u tfal fil-bżonn. Mument importanti għal Dun Manwel kien meta fl-1995 attenda flimkien mal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Dr Mario Saliba għal kungress dinji tal-Moviment Favur il-Ħajja f'Ruma, fejn kien iltaqa' mal-Papa Ġwanni Pawlu II u ma' Madre Tereża ta' Kalkutta, illum it-tnejn qaddisin.

**Rikonoxximenti**

Kull min jaf lil Dun Manwel jaf b'ċertezza li huwa mhux xi wieħed li jfittex ir-rikonoxximenti, anzi ħafna drabi pprova jaħrabhom! Imma s-soċjetà ċivili kif ukoll l-Awtorità Ekkleżjastika xorta waħda għarfu s-sehem tiegħu fost il-poplu. F'Lulju 2004, fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof Cauchi, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħatru Monsinjur, filwaqt li fis-sena 1999 Dun Manwel ingħata l-unur ta' Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu mill-President ta' Malta fil-Palazz tal-Belt Valletta. Il-ħidma ta' Dun Manwel ġiet rikonoxxuta wkoll drabi oħra, fosthom il-Premju Dun Mikiel Azzopardi fl-1998, Ġieħ il-Fontana fl-2000, il-Premju Soċjetà Ġusta fl-2014, u l-Premju Ġieħ Għawdex fl-2015.

Illum il-ġurnata Dun Manwel naqqas ħafna mill-attività li kkaratterizzat is-60 sena tal-mixja saċerdotali tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa. Ħafna mill-ħidma ta' Dun Mawel tinġabar kollha f'Lq 10:37: "Mur", qallu Ġesù, "u agħmel hekk int ukoll". Din il-kwotazzjoni hija l-motto li Dun Manwel kien għażel f'għeluq il-50 sena minn meta ġie ordnat saċerdot (u li kien iċċelebra fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-2011), għax bħalma Dun Manwel stess kien jgħid, is-saċerdot għandu jkun dejjem ta' servizz għal ħaddieħor.

*Ad multos annos!*



Flimkien ma' Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco, fid-dar tiegħu.

KRONAKA



# KRONAKA PARROKKJALI

## NIFIRĦU LIL...

- Dun Joseph Mercieca, li fit-3 ta' Mejju ċċelebra 35 sena ta' saċerdozju.
- Il-Kan. Simon Mario Cachia, Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, u membru tal-Kapitlu Ġorġjan, li fit-28 ta' Mejju ċċelebra 10 snin ta' saċerdozju.



- Is-seminarista Gabriel Vella, mill-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp, il-Qala, imma li għandu parentela Ġorġjana, li fit-18 ta' Ġunju ġie ordnat Djaknu mill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma fil-Katidral ta' Għawdex.

*Ritratt*: Id-Djaknu Gabriel flimkien mal-ġenituri tiegħu dritt wara l-Ordinazzjoni. *Ritratt: Anthony Grech*



- Il-Kan. Tonio Galea *(ritratt)*, membru onorarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li fl-20 ta' Ġunju rċieva n-nomina bħala t-tieni Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù, fiż-żona urbana ta' Magliana, fid-Djoċesi ta' Ruma.
- Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco, u Mons. Jimmy Xerri, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, li fis-27 ta' Ġunju ċċelebraw 40 sena ta' saċerdozju.
- Il-Kan. Dr Joe Zammit u l-Kan. Geoffrey George Attard, li fis-16 ta' Awwissu ġew maħtura mill-Isqof ta' Għawdex bħala Vigarju Ġudizzjali tad-Djoċesi u Koperatur fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, rispettivament. Magħhom nifirħu wkoll lil dawk is-saċerdoti l-oħra li ngħataw nomini fir-Rabat: Dun Injazju Borg, mill-Qala, bħala Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla; Mons. Eddie Zammit, mix-Xewkija, li wara 33 sena bħala Rettur f'dik il-Knisja, ġiet maħtur Kanċillier tal-Kurja Veskovili u Rettur tal-Knisja tal-Madonna ta' Pompei; u Dun Joseph Farrugia, mill-Għarb, bħala Rettur tal-Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II.

## INDIĊI GĦALL-EWWEL ĦAMES REĠISTRI TAL-MAGĦMUDIJIET

Is-Sur Twanny Mifsud mill-Parroċċa tas-Siġġiewi ġabar indiċi tal-ewwel ħames Reġistri tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li jkopri l-perjodu mit-22 ta' Ottubru 1625 sat-22 ta' Frar 1792.

Matul dan l-eżerċizzju li sar fix-xhur li għaddew ħarġet informazzjoni interessanti:

1. Fis-7 ta' Lulju 1630 Dun Matteo Zahra għamel nota li huwa kien ordnat mill-Isqof Baldassare Cagliares biex minn din id-data 'l quddiem huwa jamministra s-sagrament tal-Magħmudija.
2. Disa' Isiera kienu mgħammda fid-19 ta' Awwissu 1692. L-ilsiera, li kienu meqjusa bħala proprjetà tas-sid, ħadu l-kunjom tas-sid tagħhom u allura qabel kunjomhom hemm il-prefiss 'de' – de Vella, de Cuscheri u oħrajn.
3. Fl-20 ta' Settembru 1716 l-Isqof Jacobus Canaves għamel Viżta Pastorali f'Għawdex u fil-11 ta' Ottubru 1716 huwa ddedika l-Knisja l-ġdida tal-Matriċi, illum il-Katidral.
4. Fil-5 ta' Ġunju 1724 il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena għamel żjara f'Għawdex.
5. Fit-12 ta' Ottubru 1729 l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan għamel Viżta Pastorali f'Għawdex.
6. Mis-7 ta' Settembru 1779 sad-19 ta' Frar 1780 ma sarux reġistrazzjonijiet ta' magħmudijiet peress illi l-knisja kienet ipprofanata. Il-magħmudijiet reġgħu bdew wara li l-knisja kienet imbierka mill-ġdid.



Bħalissa għaddej xogħol biex jitlesta l-Indiċi tal-Magħmudijiet mill-1792 sal-1892. La jkun lest, il-Parroċċa jkollha indiċi sħiħ tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet u Mwiet kollha mill-1625 sal-lum.

# KRONAKA PARROKKJALI





## MEMBRI ĠODDA
fil-komunità parrokkjali

**02/05/2021** **Kai** bin Kyle Mallia u Martina Xuereb
**09/05/2021** **Maeve** bint Adrian Psaila u Carmen Vella
**16/05/2021** **Brandon** bin Daniel Portelli u Betina Szoke
**23/05/2021** **Ema** bint Andreas Dalli u Agatha Georgene Cremona
**30/05/2021** **Emma** bint Tumas Grech u Erica Farrugia
**13/06/2021** **Andrea** bin Alex Sacco u Analise Scerri
**20/06/2021** **Chloe** bint Andrew Zammit u Andreana Scerri
**29/06/2021** **Sathvika** bint Keven Farrugia u Angie Said
**30/06/2021** **Valentina** bint Gordon Galea u Janette Muscat
**02/07/2021** **Miles** bin Nicholas Formosa u Ritienne Attard
**05/07/2021** **Kalea Karen** bint Andreas Eckert u Vivien Gunther
**26/07/2021** **Kilica** bint Kilomir Tanaskovic u Mica Saric
**12/07/2021** **Raphel** bin Alexander Mathé u Mirjam Debus
**16/07/2021** **Izakk** bin Steve Caruana u Lucy Stocia Bailey
**25/07/2021** **Harper** bint Stephen Zammit u Isabel Buttigieg
**14/08/2021** **Analeyah** bint Elton John Debono u Maria Bajada
**15/08/2021** **Jessica Anne** bint Edward Smith u Francesca Attard
**15/08/2021** **Norah Grace** bint John Patrick Edward Attard u Rose Tierney

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**30/05/2021** **Therese Cilia**
**18/06/2021** **David John Beard**
**09/08/2021** **Michael Angelo Cassar**
**10/08/2021** **Margaret Apap**
**21/08/2021** **Antoinette Galea**
**21/08/2021** **Maria (Mary) Muscat**
**22/08/2021** **Joseph Bezzina**

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**04/06/2021** **Marvic Gafà** u **Jolene Pace**
**04/06/2021** **Mariano Farrugia** u **Katrin Mari Pavia**
**17/06/2021** **Adrian Gatt** u **Nicole Azzopardi**
**19/06/2021** **Claudio Cini** u **Elaine Zammit**
**20/06/2021** **Gordon Lee Spiteri** u **Sarah Jo Spiteri**
**26/06/2021** **Christian Attard** u **Annabelle Saliba**
**28/06/2021** **Melchior Debono** u **Charmaine Xuereb**
**02/07/2021** **Carm Gatt** u **Stacy Attard**
**03/07/2021** **George Frank Farrugia** u **Miguela Portelli**
**22/07/2021** **Stephan Cassar** u **Rebecca Attard**
**24/07/2021** **Jamie Thompson** u **Louise Wheeler**
**31/07/2021** **Charlie Vella** u **Gianella Mazzola**
**20/08/2021** **Keith John Azzopardi** u **Clara Grech**
**28/08/2021** **Joseph Camilleri** u **Melissa Doris Grima**

## INSELLMU LIL...



Michael A. Cassar (1943-2021), kollaboratur kbir fi ħdan il-Parroċċa Ġorġjana fi żmien l-Arċiprieti Emanuel Mercieca u Salv Borg, li miet fid-9 ta' Awwissu, fl-età ta' 78 sena. Michael kien strumentali biex bdiet toħroġ din ir-rivista *Il-Belt Victoria* lura fl-1981 u baqa' jieħu ħsiebha sas-sena 2005: aħna midjunin ħafna lejh għal tant dedikazzjoni li wera biex żamm din il-pubblikazzjoni ħajja u adattata għax-xejra taż-żminijiet, fejn ma naqsitx il-marka tiegħu ta' edukatur. Barra s-sehem tiegħu f'bosta inizjattivi parrokkjali, għal snin sħaħ huwa kien jgħin ukoll lill-Arċipriet fl-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġi parrokkjali fil-belt Marjana ta' Lourdes.




# MID-DJARJU PARROKKJALI

MEJJU-AWWISSU 2021

Andrew Formosa

**» 1 ta' Mejju**
**06.00pm:** Il-Kan. Joe Zammit mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali tal-Patroċinju ta' San Ġużepp.
**» 5 ta' Mejju**
**07.00pm:** L-Arċipriet Joseph Curmi mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Bażilika għall-familji tal-kandidati tal-Konfirmazzjoni.
**» 7 ta' Mejju**
**5.15am:** Saret l-ewwel quddiesa tal-jum li tat bidu għat-tlitt ijiem tal-Kwaranturi Mqaddsa. L-adorazzjoni solenni baqgħet għaddejja sas-6.30pm.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar u wara l-Kan. Richard N. Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni solenni f'għeluq l-ewwel jum tal-Kwaranturi.
**» 8 ta' Mejju**
**05.15am:** Saret l-ewwel quddiesa tal-jum li tat bidu għat-tieni jum ta' adorazzjoni solenni.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar u wara l-Kan. Richard N. Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni solenni tat-tieni jum tal-Kwaranturi.
**08.00pm:** Saret ċelebrazzjoni tal-Proġett parrokkjali *Fejn hu ħuk? Il-Ħolqien* bis-sehem ta' Steve Zammit Lupi, żagħżugħ attivist fil-qasam ambjentali, u Patri Mark Ciantar OFM, membru tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent.
**09.15pm:** Tkompliet l-adorazzjoni solenni fil-Bażilika sa nofsillejl.
**» 9 ta' Mejju**
**12.00pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa quddiesa li tat bidu għat-tielet jum ta' adorazzjoni solenni.
**4.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tal-Għasar.
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru fejn saret purċissjoni bis-Sagrament madwar il-Bażilika. Fit-tmiem, sar il-kant tat-Te Deum u nagħatat il-Barka Ewkaristika.



**» 13 ta' Mejju**
**06.30pm:** Saret ċelebrazzjoni li fiha ġie amministrat għall-ewwel darba s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni lill-kandidati tal-Ewwel Tqarbina.
**08.00pm:** Patri Peter Cachia OSA mexxa l-ewwel quddiesa tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Fi tmiem il-quddiesa, il-kongregazzjoni nġabret quddiem l-istatwa għat-talb u l-kant tal-Innu *Georgius natus est* u hekk baqa' jsir tul il-quddies tal-Ħamisijiet kollha, li tmexxew, tlieta minn Patri Peter Cachia OSA, tlieta minn Patri Etienne Gilson OFMCONV, u tnejn mill-Kan. Richard N. Farrugia.
**» 16 ta' Mejju**
**11.00am:** Mons. Isqof Anton Teuma mexxa Konċelebrazzjoni li fiha amministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lil 26 adolexxent mill-parroċċa. Din kienet l-ewwel ċelebrazzjoni ta' Konfirmazzjoni fil-Bażilika tagħna amministrata minnu bħala Isqof djoċesan.
**» 6 ta' Ġunju**
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni li fiha amministra l-Ewwel Tqarbina lil 38 tifel u tifla mill-parroċċa.
**» 11 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Ingħata bidu għall-24 edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival b'kunċert onlajn. Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-imxija tal-Covid-19, il-kunċerti saru kemm onlajn u kemm, fejn kien possibbli, fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia, fil-Bażilika jew f'xi knisja fil-Belt Victoria.
**» 13 ta' Ġunju**
Ġew imżanżna żewġ umbrelluni ġodda tal-Bażilika, wieħed irrakkmat bid-deheb għall-Festa titulari, u ieħor għall-ġranet ferjali, maħduma t-tnejn minn Lawrence Caruana. Dawn ġew murija fuq il-presbiterju u fis-sagristija rispettivament.
**» 16 ta' Ġunju**
L-Isqof Anton iltaqa' mal-Presbiterju Parrokkjali fejn fissrilhom fiex sa jikkonsisti l-Pjan Pastorali Djoċesan il-ġdid.
**» 20 ta' Ġunju**
Tħabbar li l-Kan. Tonio Galea ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Ġesù, fiż-żona urbana ta' Magliana, Ruma.
**» 22 ta' Ġunju**
Bdew jiżżarmaw l-ewwel partijiet tal-armar li għall-aħħar xhur kien qed jgħatti l-faċċata u l-kampnari tal-Bażilika għar-restawr tagħhom. Il-ħadid tal-kampnar tal-Lvant kien l-ewwel li tneħħa, u wara tneħħa tal-kampnar l-ieħor. L-iscaffolding baqa' jiżżarma sat-tieni ġimgħa ta' Lulju

u tħalla biss l-aħħar saff peress li kien fadal xogħol ta' restawr.



**» 2 ta' Lulju**

**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa Assemblea Parrokkjali fil-Bażilika fejn hu u Dun Daniel Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan, taw spjega tal-Pjan Pastorali Djoċesan li se jitnieda f'Ottubru.

**» 3-11 ta' Lulju**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa n-Novena ta' San Ġorġ bit-tema *San Ġorġ: Qaddej tal-Ħniena*. Tul in-Novena nkixfu erba' pitturi ta' Manuel Farrugia li jirrappreżentaw erba' Opri tal-Ħniena marbuta mal-Proġett *Fejn hu ħuk?* u li fi tmiem in-Novena mbagħad twaħħlu fil-pendenti tal-koppletti rispettivi. Saret ukoll kampanja ta' ġenerożità għall-bini mill-ġdid tal-Knisja tar-raħal ta' El Rosario, il-Gwatemala, fejn hemm Kappillan Dun Mario Curmi; din laħqet is-somma ta' €13,125.

**» 7 ta' Lulju**

**Filgħodu:** Tqiegħdu f'posthom iż-żewġ arloġġi tal-irħam u l-bronż fuq il-faċċata tal-Bażilika taħt is-superviżjoni ta' C. Schembri Watchmakers ta' Triq Palma, li ħadu ħsieb ix-xogħol tal-mekkaniżmu tagħhom.

**» 12 ta' Lulju**

**08.00pm:** Ittella' fil-Bażilika l-aħħar kunċert tal-Victoria International Arts Festival mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo.

**» 13 ta' Lulju**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa għall-komunità Ġorġjana bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella. Fi tmiem tal-quddiesa ndaqqet il-qanpiena l-kbira (Ġorġa), li għall-aħħar xhur kien tniżżel l-ilsien tagħha biex isir ir-restawr meħtieġ.

**08.30pm:** Id-Djaknu Gabriel Vella mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana organizzata mill-Grupp 23four, li kienet imnebbħa mill-kliem "Kampjun tal-Qaddisin" fl-innu *Georgius natus est*.

**» 14-16 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Geoffrey G. Attard, il-Kan. Emmanuel Buttigieg u Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru min Mons. Eddie Zammit, Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew Mons. Giovanni Bosco Cremona, il-Kan. Richard N. Farrugia u l-Kan. Tonio Galea, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, Maestro di Cappella tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum tal-Bażilika. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-imxija tal-pandemija, f'dawn il-jiem tal-Festa, il-kant tal-Għasar u l-Innu kien akkumpanjat minn orkestra ridotta.

**» 17 ta' Lulju**

**09.00am:** Il-Kan. Richard. N. Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-Te Deum.

**06.30pm:** Mons. Isqof Anton Teuma, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-imxija tal-pandemija Covid-19, il-kor kien akkumpanjat mill-orgni waħdu.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**» 18 ta' Lulju**

**08.30am:** Mons. Isqof ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**09.00am:** Mons. Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal solenni tal-Festa, fejn niseġ ukoll l-omelija u amministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil Maria Lipnicka.

**07.00pm:** Mons. Feliċ Tabone mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar.

**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa Ċelebrazzjoni ta' tifħir, talb u kant f'ġieħ San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex, f'jum is-Solennità titulari tiegħu, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Kor Laudate Pueri. Għall-okkażjoni, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ ittellgħet fuq il-presbiterju fil-bidu tal-ċelebrazzjoni bl-innu *Georgius natus est*. Indaqq ukoll l-Innu l-Kbir fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni. Saru tliet riflessjonijiet qosra fuq it-tliet antifoni tal-Għasar tal-Festa mill-Kan. Joe Zammit, Dun Joseph Mercieca u Mons. Ġużeppi Farrugia, li kienu akkumpanjati b'qari, talb u innijiet reliġjużi. Lejn l-aħħar taċ-ċelebrazzjoni, l-istatwa tniżżlet lura f'postha waqt il-kant tal-Antifona. Iċ-ċelebrazzjoni għalqet bid-daqq tal-Innu *Ġorġi tagħna* u bil-Barka Sagramentali.

**» 6 ta' Awwissu**

**06.00pm**: Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni pontifikali fis-Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

**» 16 ta' Awwissu**

Fi Stqarrija mill-Kurja tal-Isqof tħabbar li l-Kan. Joe Zammit inħatar Vigarju Ġudizzjali fi ħdan it-Tribunal Ekkleżjastiku Djoċesan u l-Kan. Geoffrey George Attard, wara 13-il sena Vigarju Koperatur fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, qed jiġi mibgħut bħala Kollaboratur fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana. Dawn in-nomini jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Settembru.



**1.** L-Arċipriet Joseph Curmi fisser lit-tfal u lill-familji preżenti fil-Bażilika għan-Novena ta' San Ġorġ is-simboliżmu li hemm fl-erba' pitturi ġodda tal-Opri tal-Ħniena.



**2.** L-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, mexxa għall-ewwel darba l-Ewwel Għasar Pontifikali tal-Festa ta' San Ġorġ, bis-sehem ta' rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali.



**3.** Imqar jekk il-Purċissjoni ta' nhar San Ġorġ ma saritx, u ħaditilha postha Ċelebrazzjoni ta' tifħir, qari, talb u kant fuq ġewwa, mal-"Glorja" tal-Innu l-Kbir il-Bażilika nbidlet fi ġnien ta' palm imxejjer qalb dellirju ta' ferħ f'ġieħ il-"Glorjuż Martri ta' Kristu".